Vol 41
Nru 209
Lulju - Settembru 2020

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



## L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Qabar tal-Verġni Marija*
*fil-Wied ta' Ġosafat*

# Werrej



6

16





21



26


6 Il-Qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat

16 Il-Mara tal-Apokalissi il-Madonna fl-Aħħar Ktieb tal-Bibbja

21 Il-Miraklu tad-Dqiq u taż-Żejt (1 Slat 17,7-16) (3)

26 Ġrajjiet il-Ħajja fi Ħdan il-Ġudajiżmu

37 L-Ewwel Traċċi ta' Ministeri Ekkleżjali fl-Atti Tal-Appostli





37

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## L-EFFETTI TAL-PANDEMIJA FUQ IL-KUSTODJA

Xi ftit tax-xhur ilu kulħadd kien qed jittama li sa Settembru s-sitwazzjoni tal-pandemija Covid-19 tkun taħt kontroll. L-awtoritajiet kemm ċivili kif ukoll reliġjużi fl-Art Imqaddsa kienu konfidenti li l-pellegrini kienu se jibdew jirritornaw, għalkemm mhux f'numri kbar bħal qabel, partikolarment fl-istaġun l-aktar iffullat, li hu dak minn Settembru sa Novembru. Israel u l-Palestina kienu meqjusin bħala pajjiżi "safe" li fihom wieħed seta' jivvjaġġa. Tant hu hekk li Israel kien diġà tqiegħed bħala wieħed mill-pajjiżi li joffru "safe corridor" biex fihom jiġu turisti mill-Unjoni Ewropea, inkluża Malta.

Malli ġie Ġunju l-folja nqalbet f'daqqa waħda għall-agħar. Ir-rata ta' infezzjonijiet f'Israel u l-Palestina żdiedet drastikament, u dan għaliex l-awtoritajiet, biex isalvaw l-ekonomija, ħallew li jsiru avvenimenti tal-massa. Żball li sfortunatament ġie ripetut f'ħafna pajjiżi u li wassalna għas-sitwazzjoni drammatika li ninsabu fiha bħalissa. Ir-riżultat kien li Israel ġie maqtugħ mil-lista ta' pajjiżi li huma meqjusin "safe". L-ajruport internazzjonali ta' Ben Gurion ilu xhur vojt. Impressjonanti timxi bil-maskra fis-swali kbar u vojta tal-ajruport, bil-ħwienet tad-"duty free" magħluqin, u bi ftit vjaġġaturi li jaqbdu l-ajruplan għax kostretti miċ-ċirkustanzi tax-xogħol jew familjari biex jirritornaw id-dar. Il-kumpanija El Al ta' Israel daħlet fi kriżi

*...editorjal*

*Israel taħt lockdown mill-ġdid*




kbira, u kien hemm min tkellem minn falliment totali, u mill-bżonn li jidħol il-gvern biex isalvaha. Biex tgħaxxaqha, kemm f'Israel kif ukoll fil-Palestina, s-sitwazzjoni politika ma tantx għenet, b'elezzjonijiet ripetuti u gvernijiet instabbli f'Israel, u b'tensjoni fil-Palestina, l-aktar f'Gaza, minħabba l-problema ta' governanza diżastruża u mifruda bejn żewġ partiti, dak tal-Fatah li jiggverna x-Xatt tal-Punent u dak ta' Ħamas li jiggverna Gaza. Betleħem kienet waħda mill-ewwel bliet li ngħalqet għal kollox, u damet hekk għal bosta ġimgħat, b'daqqa ta' ħarta traġika fuq il-kummerċ turistiku li fuqu hi mibnija l-ekonomija.

Il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa issa ilhom seba' xhur jgħixu magħluqin fil-kunventi u fis-Santwarji vojta li fihom ma jmur l-ebda pellegrin, tneħħi l-insara tal-post, li kellhom ukoll jagħmlu ġimgħat ta' "lock down" fi żmien il-festi tal-Għid. Għalkemm il-Franġiskani huma mdorrijin b'perjodi li fihom is-Santwarji jkunu vojta mill-pellegrini, bħal fil-każ tal-Gwerra tal-Golf, tal-Gwerra tal-Libanu, u tal-Gwerra fuq Gaza, kif ukoll fi żmien l-Intifada, imma dawn iċ-ċirkustanzi kienu jdumu biss ftit ġimgħat u qatt ma damu xhur bla waqfien bħall-każ li qed ngħixu fih illum. Għall-ewwel darba fi żmienna l-Kustodja tal-Art Imqaddsa qed taffaċċja problemi mhux indifferenti.

L-ewwel problema hi dik tan-nuqqas ta' introjti. Il-Kustodja tiddependi mill-ġabra li ssir darba fis-sena fil-parroċċi kollha u mill-offerti li jħallu l-pellegrini fis-Santwarji. Din is-sena dan id-dħul waqaf drastikament. Issa, barra mill-fatt li dan id-dħul jintuża għall-manteniment tas-Santwarji, għar-restawri, u għall-għajxien tal-Patrijiet infushom, iservi wkoll bħala fond li minnu jridu jitħallsu l-pagi ta' aktar minn elf dipendenti li jaħdmu mal-Kustodja. Għalkemm fil-każ ta' Israel il-gvern offra inċentivi ta' għajnuna għall-ewwel xhur, fil-każ tal-Palestina ma hemm l-ebda struttura soċjali li toffri benefiċċji f'każi ta' kriżi bħal din. Il-Kustodja ma tistax tibgħat tant dipendenti li huma kollha membri ta' familji insara u li l-għajxien tagħhom jiddependi biss mill-istruttura finanzjarja tal-istess Kustodja. L-istess problema tmiss l-iskejjel tal-Kustodja, li huma megħjuna mill-istess

offerti li l-Kustodja tirċievi, partikolarment mill-iStati Uniti tal-Amerika. Dawn bħalissa waqfu kważi għal kollox. F'intervisti li għamel il-Patri Kustodju wera t-tħassib tiegħu li din is-sena ftit nistgħu nistennew mill-ġabra għall-Art Imqaddsa, għax il-Knisja f'diversi pajjiżi wkoll tinsab quddiem problemi ekonomiċi serji u r-rieda li jintbagħtu offerti fl-Art Imqaddsa ċertament se tkun dgħajfa ħafna.

It-tieni problema tal-Kustodja hi umana. Sakemm qed nikteb dan l-editorjal, il-Kustodja tilfet 3 Patrijiet li mietu vittmi tal-Covid-19, wieħed fl-iStati Uniti u tnejn fis-Sirja, li kienu jgħixu fl-istess kunvent u kulleġġ, li issa spiċċa bla Patrijiet. Hi storja doloruża, għax dawn il-Patrijiet kienu qed jaħdmu favur tant insara, speċjalment fis-Sirja, li kienu għadhom qed iqumu minn flaġell ta' gwerra twila. Wieħed minn dawn iż-żewġ Patrijiet, Fr. Edoardo Tamer, miet ta' 87 sena b'kumplikazzjonijiet ta' saħħa, imma sieħbu, Fr. Firas Hejazin, li hu mill-Ġordanja, miet ta' biss 49 sena, fl-aħjar ta' saħħtu u tal-ministeru tiegħu. It-telfa ta' dawn il-Patrijiet tfisser li issa hemm kriżi ta' personnel anke fis-Sirja, fejn hemm xi Patrijiet oħrajn li huma infettati, għalkemm qegħdin fi proċess ta' fejqan.

F'sitwazzjoni bħal din, l-appell tagħna hu biex ma ninsewx lill-Franġiskani li qed jaħdmu fl-Art Imqaddsa. Hi tama tagħna li l-kriżi tgħaddi u li kollox jirritorna għan-normalità, imma forsi rridu nistennew għal dan. Nafu kemm hemm fostkom li xtaqu jiġu l-Art Imqaddsa din is-sena u sfaxxawlhom il-pjanijiet tagħhom. Almenu għandna nkunu konxji mill-bżonn li nkomplu nsostnu l-Kustodja tal-Art Imqaddsa bit-talb tagħna, u wkoll bl-għajnuna materjali li nistgħu nagħtuha permezz tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta.

Jalla l-kuraġġ u t-tama ma jonqsux lill-Patrijiet Franġiskani f'din il-pandemija li ħakmet ukoll l-Art Imqaddsa, biex bil-preżenza siekta u umli tagħhom fis-Santwarji jkomplu jitolbu għad-dinja u għal tant benefatturi li dejjem komplew isostnu l-missjoni għażiża tal-Art Imqaddsa.

*Nota editorjali:*

Il-membri tal-bord editorjali tar-Rivista "L-Art Imqaddsa" jifirħu lill-Kummissarju tal-Art Imqaddsa, Fr. Twanny Chircop, li fil-Kapitlu Provinċjali ta' Lulju li għadda ġie magħżul bħala Ministru Provinċjal tal-Franġiskani f'Malta. Filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna, inkomplu nifirħulu li se jibqa' wkoll fir-rwol ta' Kummissarju tal-Art Imqaddsa biex ikompli l-ħidma siewja li wettaq b'riżq din il-missjoni.



# IL-QABAR TAL-VERĠNI MARIJA FIL-WIED TA' ĠOSAFAT

*Noel Muscat ofm*

**Tradott u adattat mill-volum ta' Denys Pringle,**
***The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus,***
**Volume 3, The City of Jerusalem,**
**Cambridge University Press, 2010, n. 337, pp. 287-306.**

Il-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat hi kripta fil-qiegħ nett tal-Wied tal-Kedron, ftit passi bogħod mill-Bażilika tal-Agunija fil-Ġetsemani. F'din il-kripta hemm meqjum il-Qabar tal-Verġni Marija. Illum il-ġurnata din il-knisja tinsab f'idejn il-Griegi Ortodossi, li ħaduha minn idejn il-Franġiskani fl-1757, u li fiha juffiċjaw huma u xi riti Orjentali oħrajn, fosthom l-Armeni, il-Kopti u s-Sirjani Ortodossi.

## It-Transitu tal-Verġni Marija

Fi tmiem is-seklu 5 kienu żviluppaw diversi tradizzjonijiet dwar it-transitu, jew il-mogħdija tal-Verġni Marija minn din il-ħajja għall-glorja tas-sema. L-aktar tradizzjoni antika tmur lura għas-seklu 4, u tgħid li, wara li l-Verġni Marija mietet fid-dar tagħha fuq l-Għolja ta' Sijon f'Ġerusalemm, l-Appostli ġarrew il-ġisem mejjet tagħha fil-Wied tal-Kedron, fejn difnuh f'qabar ġdid. Ftit ġranet wara Kristu deher u kkmanda lil San Mikiel u lill-anġli biex jieħdu l-ġisem imqaddes u nkorrott lejn is-sema, biex hemm jingħaqad mar-ruħ ta' Marija. Tradizzjoni oħra tgħid li Marija u l-Appostli kellhom jaħarbu mis-sudati Rumani, u nġarru mirakolożament minn Betleħem lejn id-dar ta' Ġerusalemm; minn hemm l-Appostli akkumpanjaw lil Marija lejn il-Kedron, fejn Kristu ġie jilqa' lil ruħha, u mbagħad ġarr ukoll lil ġisimha lejn is-sema, biex hemm dan jistenna l-jum tal-qawmien mill-imwiet.

## L-ewwel knisja tal-Wied ta' Ġosafat

Għalkemm il-bini ta' knisja fuq il-Qabar ta' Marija jingħad li sar għall-ewwel darba minn Kostantinu u Elena (*Vita Constantini*, V), x'aktarx li għandu aktar raġun l-istoriku Eutychius li jikteb li l-knisja tal-Wied ta' Ġosafat inbniet mill-Imperatur Theodosius I (379-395). Nafu li kien hemm ċertament knisja ta' Santa Marija fil-Wied ta' Ġosafat fis-sena 451, fi żmien il-Patrijarka Jovenalius (421-458), li kien l-ewwel Patrijarka Biżantin meta Ġerusalemm saret patrijarkat indipendenti minn Antjokja fis-sena 451 (S. Ġwann Damaxxenu, *Homilia II in Dormitione Mariae*, XVIII, in *Patrologia Graeca* XCVI, 748-752). Mis-seklu 6 il-pellegrini bdew jassoċjaw din il-knisja mal-post fejn kienet ġiet midfuna l-Verġni Marija. Madwar is-sena 570 il-Pellegrin ta' Piacenza kiteb li l-knisja kienet tfakkar il-post fejn Marija kellha d-dar u minn fejn ittieħdet fis-sema bil-ġisem tagħha.


*Imperatur Theodosius I*

L-Imperatur Biżantin Maurikios (Mawrizju) (582-602) iddikjara l-15 ta' Awwissu bħala l-jum tal-festa tad-Dormizzjoni ta' Marija. Sa dak iż-żmien il-Knisja ta' Ġerusalemm kienet tiċċelebra f'dak il-jum il-festa ta' Santa Marija Theotokos fil-knisja tal-Kathisma, fuq it-triq minn Ġerusalemm għal Betleħem. Kalendarji ta' Ġerusalemm dejjem kienu jirreferu għall-Knisja ta' Santa Marija bħala dik mibnija mill-Imperatur Maurikios fil-Ġetsemani, u dan ifisser li x'aktarx li din il-knisja kienet reġgħet inbniet f'dan iż-żmien.

Bħal ħafna knejjes oħrajn fl-Art Imqaddsa, fis-sena 614 il-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat sfat meqruda mill-Persjani. X'aktarx li mbagħad reġgħet inbniet mill-Patrijarka Modestos, għalkemm hemm dubju jekk dan beniex din il-knisja jew inkella dik tal-Axxensjoni. Fis-sena 685 l-Imperatur Biżantin Ġustinjanu II ġie obbligat

mill-Kalif 'Abd al-Malik biex jieħu l-kolonni mill-knisja ta' Santa Marija u lilu jagħtih irħamijiet prezzjużi minn Kostantinopli għall-bini tal-moskea tal-Ka'ba fil-Mecca.

L-ewwel deskrizzjoni tal-knisja jagħtihielna Arculf (c.685): "Hi knisja mibnija fuq żewġ livelli. Il-parti ta' isfel, li tinsab taħt volta tal-ġebel, għandha forma tonda. Fuq il-lvant hemm altar, u fuq il-lemin tiegħu hemm il-qabar vojt tal-blat li fih Marija ndifnet għal xi żmien." Arculf jgħid ukoll li kemm il-knisja ta' isfel kif ukoll dik ta' fuq kienu tondi, u li l-knisja superjuri kellha erba' altari.

Madwar is-sena 808 il-*Commemoratorium de Casis Dei* fakkar li l-qabar ta' Marija fil-Wied ta' Ġosafat kien uffiċjat minn tlettax-il qassis, sitt irħieb u ħmistax sorijiet irħieb. Madwar is-sena 870 Bernard ir-Raħeb kiteb li fil-Ġetsemani kien hemm "knisja tonda ta' Santa Marija, li fiha hemm il-qabar li, billi ma għandux saqaf fuqu, isofri kemmxejn mix-xita." Meta kiteb Eutychius, qabel is-sena 939, il-knisja ta' Santa Marija kienet imġarrfa. Xi fonti Musulmani, bħal al-Muqaddasi, madwar is-sena 985, isemmu knisja li kienet tgħatti l-qabar ta' Marija.

## Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat fl-era Kruċjata

Meta l-Kruċjati waslu Ġerusalemm u fit-8 ta' Lulju 1099 daru mal-belt qabel ma ħaduha f'idejhom fil-15 ta' Lulju, huma għaddew maġenb il-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat. Sa mill-bidunett kienet knisja devota. Il-kavallier Garnier ta' Grez indifen taħt il-portiku tal-knisja fil-25 ta' Lulju 1100 u r-Reġina Botilda, l-armla tar-Re tad-Danimarka ndifnet ukoll fil-knisja fl-1103 wara li mietet fuq l-Għolja taż-Żebbuġ.

Fis-snin 1106-1108 l-Abbati Danjel ir-Russu żar l-Art Imqaddsa u jagħtina din id-deskrizzjoni tal-knisja: "Il-qabar tal-Omm Imqaddsa ta' Alla jinsab fil-wied ġo għar maqtugħ fil-blat, li għandu bieb hekk baxx li raġel jista' jidħol biss jekk jiltewa tnejn. Fuq l-art ta' dan l-għar, faċċata tal-bieb, hemm xkaffa maqtugħa fil-blat u fuq din l-ixkaffa tqiegħed il-ġisem qaddis tas-Sinjura safja u Omm Alla, u minn hemm ittieħed inkorrott lejn is-sema. Dan l-għar hu għoli bejn wieħed u ieħor daqs raġel u hu erba' kubiti

*Il-faċċata tal-Kripta tal-Qabar tal-Madonna*



wiesgħa f'kull direzzjoni. Il-kamra hi mżejna bi rħam sabiħ; u fuq il-qabar tal-Omm Imqaddsa ta' Alla kien hemm darba knisja kbira kwadra b'saqaf tat-travi tal-injam, iddedikata lid-Dormizzjoni tal-Omm Imqaddsa ta' Alla, imma llum din ġiet meqruda mill-pagani. Il-qabar tal-Omm Imqaddsa ta' Alla jinsab taħt l-altar maġġur ta' dik il-knisja."

Pellegrini oħrajn, bħal Saewulf (1102-1103) isemmu knisja u qabar. Belardo di Ascoli jgħid li kien hemm tletin tarġa biex tinżel fil-qabar, filwaqt li l-Pellegrin Islandiż, madwar is-sena 1150, isemmi tmenin tarġa, forsi numru esaġerat.

William ta' Tyre jgħid li d-Duka Goffredu ta' Bouillon, il-mexxej tal-Ewwel Kruċjata, waqqaf fil-knisja tal-Wied ta' Ġosafat komunità ta' monaċi li kienu akkumpanjawh fil-Kruċjata, u tahom meddiet kbar ta' artijiet. Guibert ta' Nogent jgħid li dawn il-monaċi kienu mmexxjin minn ċertu Baldwin, li kien ippriedka l-Kruċjata u li fl-1102 sar l-ewwel Isqof Latin ta' Ċesarija. Dokument tal-1115 isemmi lil ċertu Ugo bħala l-ewwel Abbati ta' din il-komunità ta' monaċi. Is-suċċessur tiegħu kien Gilduin, prijur tal-Klunjaċensi, li sar Abbati fl-1120. Dan ifisser li din l-abbazija kienet iżżomm rabtiet mill-qrib ma' Cluny, hekk li l-Kronaka ta' Cluny tgħid li din l-abbazija kienet Klunjaċensi. Dawn il-monaċi reġgħu bnew il-knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat madwar is-sena 1112.

Il-Papa Paskal II f'Jannar 1113 semma l-privileġġi u d-donazzjonijiet li kien ta lill-abbazija Godfrey ta' Bouillon, kif ukoll Baldwin I, l-ewwel Re tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm. Fl-1108 Baldwin ta lill-abbazija ta' Santa Marija r-raħal ta' 'Askar (Sikar) ħdejn Nablus, u fl-1115 ikkonferma l-possedimenti tagħha fir-Renju ta' Ġerusalemm. Il-proprjetà tal-abbazija f'Ġerusalemm kienet tinkludi l-istess Knisja ta' Santa Marija u l-Wied ta' Ġosafat, l-għajn ta' Siloam, u diversi dwieli u għelieqi oħrajn. Johan ta' Würzburg, qrib is-sena 1165, jikteb li l-abbazija kienet proprjetarja tal-Wied tal-Kedron. Il-Papa Paskal II fl-1113 ta l-fakoltà lill-monaċi li jidfnu fil-knisja dawk li xtaqu jindifnu hemmhekk. L-abbazija tant saret sinjura li fis-seklu 12 kellha possedimenti f'Axkelon, Haifa, Ġaffa, as-Safiriuya, Sidon, Tiberija, Akri u Tir. Kellha wkoll artijiet fil-prinċipalità ta' Antjokja. L-abbazija kellha wkoll proprjetajiet fi Sqallija u l-Calabria, fosthom il-prijorat ta' Santa Marija Maddalena f'Messina, mogħti lilha mir-Re Roger I ta' Sqallija. Dawn il-proprjetajiet fl-Italja ta' isfel kienu jsostnu l-monaċi ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat permezz ta' iġfna li kienu jbaħħru regolarment lejn l-Art Imqaddsa b'ikel, inbid, drappijiet, injam u ċeramika.

Fi żmien l-Abbati Ugo, taħt is-saltna ta' Baldwin I u l-Patrijarka Gibelin (1108-1112) twaqqaf ospizju għall-pellegrini morda maġenb il-knisja, immexxi wkoll minn konfraternità ta' lajċi.

Ir-Reġina Melisende, bint Baldwin II, kienet tgħożż ħafna din l-abbazija. Meta mietet, fil-11 ta' Settembru 1161, indifnet fil-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat, fuq il-lemin ta' min jinżel lejn il-qabar tal-Verġni Marija, fi kripta tal-ġebel f'kappella apposta li għadha tidher sal-lum. Xi mindaqqiet Melisende kienet meqjusa bħala dik li bniet din il-knisja fi żmien il-Kruċjati.

Jidher li l-knisja superjuri kienet bażilika fi stil Romaniku, li kellha abside fuq il-lvant, u żewġ kampnari fuq il-faċċata tal-punent. Madwar l-1154 al-Idrīsī iddeskriva l-binja bħala knisja kbira u sabiħa.

Johan von Würzburg, li żar il-knisja madwar l-1165, jiddeskrivi li l-Qabar tal-Verġni Marija kien jinsab "fiċ-ċentru tal-

kripta, li hi mżejna b'lasti sbieħ tar-rħam u pitturi fini. Fuq il-qabar tagħha, għalkemm ġisimha ma jinsabx hemmhekk, hemm binja forma ta' ċiborju, li tidher imżejna bi rħamijiet, fidda u deheb, u li fiha din l-iskrizzjoni: *Hic Iosafat vallis, hinc est ad sydera callis. In Domino fulta fuit hic Maria sepulta, hinc exaltata caelos petit inviolata spes captivorum, via, lux et Mater eorum* (Hawnhekk fil-Wied ta' Ġosafat: minn hawn triq twassal lejn il-kwiekeb. Hawnhekk Marija ġiet midfuna, mimlija fiduċja fil-Mulej. Minn hawn, imtella' bla mittiefsa, hi marret tfittex is-smewwiet, hi li hi t-tama tal-ilsiera, it-triq, id-dawl u l-omm tagħhom). Dan il-kittieb isemmi diversi skrizzjonijiet oħrajn li kienu jinsabu mxerrdin madwar din il-knisja, ħafna minnhom meħudin mil-liturġija tal-festa tal-Assunta.

Teodorico, li żar l-Art Imqaddsa fl-1172, jgħid: "Tidħol fil-knisja minn portiku u tinżel aktar minn 40 tarġa lejn il-kripta, li fiha jinsab il-qabar tagħha, imżejjen bi rħamijiet fini u mużajċi. Hu mdawwar minn 20 kolonna li jżommu arkati, u għandu friż madwaru u saqaf." U mbagħad isemmi l-iskrizzjoni li ġibna ftit ilu. Jgħid li fuq il-qabar kien hemm ċiborju fuq sitt kolonni doppji, li fil-quċċata kellu ballun u salib tad-deheb u lampieri mdendlin bejn il-kolonni. U fis-saqaf tal-qabar kien hemm il-kliem tal-liturġija: *Assumpta est Maria in celum, gaudent angeli et collaudantes benedicunt Dominum* (Marija ġiet imtellgħa fis-sema. Jifirħu l-anġli u jgħannu u jbierku lill-Mulej). Isemmi wkoll il-knisja monastika li kien hemm fuq il-kripta. Jidher li l-pellegrini kienu x'aktarx iżuru biss il-kripta.

Fi żmien il-Kruċjati, fil-Festa tal-Assunta, il-Patrijarka u l-kanoniċi tal-Qabar ta' Kristu kienu jmorru purċissjoni mill-Knisja tal-Għolja ta' Sijon lejn il-Knisja ta' Santa Marija tal-Wied ta' Ġosafat fejn kien jippriedka lin-nies. Nhar Ħadd il-Palm l-Abbati tal-Wied ta' Ġosafat kien jakkumpanja lill-Patrijarka minn Betanja għall-purċissjoni. L-Abbati kellu l-privileġġ li jilbes il-mitra, is-salib u ċ-ċurkett u jilbes id-dalmatika fil-Quddiesa.

Fl-1177 żar il-knisja l-monaku Grieg Ġwann Phocas, li jikteb: "Din il-knisja hi twila ħafna u hi miksija minn volta nofs tond. F'nofs il-knisja hemm il-qabar, li jidher qisu pulptu (jużа l-kelma Griega *'ambon*). Fuq ix-xaqliba tal-lvant hemm bħal sodda (*skimródion*) imħaffra fil-blat, u mżejna bi rħam abjad, fejn l-Appostli qiegħdu l-ġisem immakulat tal-Verġni Mbierka wara li ġabuh mis-Sijon" (PG CXXXIII, 944-945).

## Saladin jaħkem il-Knisja ta' Santa Marija

Fl-1187, meta waqgħet Ġerusalemm f'idejn Saladin, l-Abbazija (*Vallis de Japhes, abbatia et castellum*) ittieħdet mill-Musulmani. Xi kittieba qalu li dawn qerdu l-Qabar tal-Verġni Marija. Imma l-istoriku Kruċjat Ernoul jikteb li, għalkemm il-Musulmani qerdu l-Abbazija u ħadu l-ġebel tagħha biex jibnu l-ħitan tal-belt, imma ma messewx il-Knisja jew Kripta. Il-qerda tal-Abbazija x'aktarx seħħet fl-1192, meta Saladin beda jibni l-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm mill-ġdid. Al-Harawī jgħid li l-Kripta kienet saret *mash'had*, jew post tat-talb għall-Musulmani: "Il-Qabar ta' Maryam jinsab f'Wâdi Jahannum. Tinżel għalih minn sitta u tletin tarġa ... Dan kien oriġinarjament knisja, imma issa hu Masshad, jew oratorju, iddedikat lil Abraham il-Ħabib."

Għalkemm Saladin ikkmanda li l-kripta ssir post ta' talb Musulman, jidher li l-Kristjani ma kinux ġew esklużi. Fl-1211-1212 Wilbrand ta' Oldenburg sab hemmhekk grupp ta' saċerdoti Sirjani Ortodossi. Fl-1198 l-Abbati Amatus ta'

Ġosafat irtira mal-kapitlu tal-monaċi tiegħu fil-belt Kruċjata ta' Akri, fejn l-Abbazija kellha knisja sa mill-1150. Minn testment magħmul mill-Abbati Gerardo f'Akri fis-sena 1241, fejn jissemma' Pietru "prijur ta' Ġerusalemm", jidher li waqt il-perjodu li fih Ġerusalemm reġgħet saret Kristjana (1229 - 1244) wara l-ftehim bejn l-Imperatur Federiku II u s-sultan al-Mālik al-Kāmil, il-knisja tal-Wied ta' Ġosafat kienet priorat, imma li ġiet pprofanata mill-ġdid fl-invażjoni tat-Torok Kwariżmjani fl-1244.

Qrib is-sena 1283 żar il-knisja Burcardo tal-Għolja ta' Sijon, li jikteb: "Hemm binja fil-quċċata li donnha kappella ċkejkna, li minnha tidħol ġewwa u tinżel it-taraġ taħt l-art lejn il-knisja nfisha, jew il-qabar tal-Verġni glorjuża. Minn għalija li hemm 60 tarġa. Il-qabar jinsab fiċ-ċentru tal-kor wara l-altar, u hu tar-rħam ... Il-knisja tal-Verġni Mqaddsa hi mdawla minn ġewwa minn twieqi li jinsabu fil-lvant u jħarsu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ, li minnhom jidħol u jinżel id-dawl." Burcardo wkoll jgħid li l-kripta kienet umda ħafna, billi taħtha kienet tgħaddi n-nixxiegħa tal-Kedron, u meta kienet tagħmel xita qliel il-kripta kienet tegħreq. Jgħid li l-Musulmani kienu jieħdu ħsieb tal-kripta, jixegħlu l-lampieri u anke jħallu lill-Kristjani jiċċelebraw il-Quddies, ikantaw u jippridkaw.


*Saladin*

## Il-Knisja tal-Wied ta' Ġosafat f'idejn il-Franġiskani u l-Griegi Ortodossi

Matul is-seklu 14 il-pellegrini Latini kellhom permess li jżuru l-kripta wara li jħallsu d-dħul lill-gwardjan Musulman. Kellhom ukoll il-permess li jiċċelebraw il-quddiesa fuq il-Qabar tal-Verġni Marija. Ludolph ta' Sudheim, fl-1336-1341, iddeskriva l-qabar bħala li kien miżmum u mżejjen aħjar mill-Qabar ta' Kristu.

Il-Franġiskan Nicolò di Poggibonsi (1346-1351) juri li l-kripta kienet baqgħet kif kienet seklu qabel, għalkemm ma jsemmix il-pitturi li, jew kienu tneħħew mill-Musulmani, inkella kienu tgħarrqu bl-umdità: "Il-knisja għandha tliet bibien: wieħed fin-nofsinhar, minn fejn tidħol; wieħed fil-punent, li hu imbarrat, ħlief għal tieqa. Jingħad li l-Appostli daħlu minn dak il-bieb bil-ġisem glorjuż tal-Verġni Marija. Il-bieb l-ieħor jinsab fil-lvant, u jinsab ukoll imbarrat. Trid tħallas nofs drakma kull ras lis-Saraċin li jgħasses il-knisja. Is-Saraċini juru devozzjoni kbira lejn dan il-post, u jemmnu li



Altar quddiem l-Edikola tal-Qabar tal-Madonna

l-ġisem tal-Verġni Marija hu midfun fil-qabar. Jum minnhom, meta jien kont inqaddes fuq il-qabar, rajt ħafna Saraċini li daħlu biex jitolbu, mhux fil-quddiesa, li fiha ma jemmnux, imma fuq il-qabar, li lejh juru qima kbira. Meta tidħol fil-knisja issib taraġ kbir u sabiħ, li jnizzlek taħt l-art b'46 tarġa. Int u nieżel, fuq il-lemin tiegħek issib żewġ kappelli. Il-knisja hi kbira u mudlama ħafna, u għandha ħafna altari, hekk li kull razza ta' Kristjani għandhom l-altar tagħhom hemmhekk. Fil-jum tal-festa ta' Awwissu kulħadd juffiċċja fuq l-altar tiegħu bir-rit tiegħu. Fiċ-ċentru tal-knisja hemm kappella ċkejkna, u fuqha hemm volta u ċiborju tar-rħam. Għandha żewġ bibien rettangolari, li tant huma dojoq li bil-ħniena tista' tidħol persuna waħda. Bieb iħares lejn it-tramuntana u bieb ieħor lejn il-punent. F'din il-kappella hemm il-qabar l-aktar qaddis ta' Santa Marija, fil-post li fih difnuha l-Appostli. Quddiem il-qabar hemm tliet toqob tondi, li minnhom wieħed jista' jmiss il-qabar innifsu."

Fl-1363 ir-Reġina Ġovanna I ta' Napli talbet lis-Sultan al-Mansūr Salāh al-Dīn Muhammad biex jagħti permess lill-Franġiskani biex jidħlu b'xejn ħalli jitolbu u jixegħlu l-lampieri fil-Qabar tal-Madonna (GOLUBOVICH, *Biblioteca bio-biografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*, IV (1906), 49-51). F'Marzu 1392 fra Gerard Chauvet, Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, akkwista l-permess li l-Franġiskani jkollhom il-pussess tal-kripta u tal-għar tal-Appostli, li hemm maġenbha, qrib il-Ġetsemani. Il-Franġiskani ngħataw ukoll il-permess li jibnu kunvent f'dan il-post (F. QUARESMIUS, *Terrae Sanctae Elucidatio* (1639), II, 134-135).

Fis-seklu 15 il-Griegi Ortodossi bdew iqimu l-kappella u qabar fuq il-lemin tat-taraġ bħala l-qabar ta' San Ġwakkin u Sant'Anna, għalkemm nafu, mill-kitbiet ta' Ġwann Poloner u Felix Faber li dak hu l-qabar tar-Reġina Melisende. F'dak iż-żmien il-Griegi kellhom altar fuq il-lvant tal-qabar, proprju taħt it-tieqa tal-abside, fejn kien juffiċċja l-Patrijarka Grieg. Kien hemm ukoll altari tal-Ġorġjani, Armeni, Ġakobiti u Abbissini. Sadanittant il-Musulmani kienu jibqgħu jiġu jitolbu f'din il-kripta.

Fis-sekli 15 u 16 il-Franġiskani komplew igawdu d-dritt li jiċċelebraw il-Quddiesa fil-Qabar ta' Marija. Lejn is-sena 1530 il-kappella u qabar li jinsabu fuq ix-xellug tat-taraġ li jinżel fil-kripta bdew jiġu assoċjati mal-qabar ta' San Ġużepp. Fl-1572 il-Franġiskani għamlu xi xogħlijiet fid-daħla tal-kripta biex jipproteġuha mill-għargħar.

Fl-1517, wara li l-Palestina għaddiet f'idejn it-Torok Ottomani, is-Sultan Selim I ikkonferma li l-Qabar tal-Verġni Marija kellhom fih drittijiet il-Patrijarka Griegi u l-Patrijarka Armen. Jidher li l-Franġiskani ma tilfux id-drittijiet tagħhom u l-pussess fuq il-Qabar tal-Madonna, u mill-1620 akkwistaw diversi *firmani* li ddefendew id-drittijiet tagħhom. *Firman* tal-1656 afferma li l-Franġiskani

kienu ilhom preżenti hawnhekk għal 360 sena.

Disinn tal-Qabar tal-Madonna minn Bernardino Amico fl-1620 juri li kien hemm *mihrāb* (niċċa tat-talb Musulman) fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tal-qabar u ieħor saħansitra fil-qabar innifsu. Id-disinn juri li ċ-ċiborju fuq il-qabar ma kienx għadu hemm, għax Quaresmius jikteb li l-Musulmani kienu neħħewh, u ħallew biss il-bażijiet u l-kapitelli. Fl-1656 il-Patri Kustodju P. Mariano Morone da Maleo biddel il-lastra tar-rħam li tgħatti l-qabar, u nnota li l-bank innifsu kien tal-blat.

Madwar l-1670 l-Armeni kisbu d-dritt li jiċċelebraw ġewwa l-qabar kull nhar ta' Erbgħa. Fl-1703-1704 P. Eugenio de San Francisco irrapporta li l-Franġiskani, Griegi u Armeni kollha kellhom ċwievet għall-kripta.

Fil-ħarifa tal-1755 għargħar kbir qered il-pont tal-ġebel fuq il-Wied tal-Kedron u għarraq il-knisja sal-livell tat-taraġ. F'Ottubru 1756 is-Sultan 'Uthmān III ta lill-Franġiskani l-permess li jsewwu s-saqaf tal-kripta u l-bieb tagħha.

Nhar Ħadd il-Palm 1757, il-Griegi Ortodossi organizzaw rewwixta kontra l-Franġiskani fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, f'dik tan-Natività f'Betleħem u fil-Qabar tal-Madonna, biex jaħtfu f'idejhom diversi partijiet minn dawn is-Santwarji. B'hekk il-Franġiskani tilfu l-pussess tagħhom fuq il-Qabar ta' Marija, li ttieħed mill-Griegi u l-Armeni. Sal-lum il-ġurnata l-Franġiskani ma jistgħux jiċċelebraw l-Ewkaristija fil-Qabar tal-Madonna. Għandhom biss id-dritt li nhar il-15 ta' Awwissu, festa tal-Assunta, wara l-Għasar li jiċċelebraw fl-Għar tal-Appostli li jmiss mal-kripta, huma jinżlu purċissjoni fil-Qabar tal-Verġni Marija, u hemmhekk ikantaw antifona u jitolbu għal ftit tal-ħin.

Fl-1972 il-kripta reġgħet għerqet waqt ix-xita, u l-Griegi talbu lill-Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*, immexxijin minn P. Bellarmino Bagatti, biex jagħmlu skavi waqt li jsiru xogħlijiet ta' restawr. Bagatti kkonferma li l-Qabar tal-Verġni Marija hu qabar


*Padre Bellarmino Bagatti*

Lhudi tal-1 seklu, li juri l-istess elementi tal-Qabar ta' Kristu u li jaqbel mar-rakkonti Aprokifi tat-*transitu* tal-Verġni Marija li jsemmuh fl-ewwel sekli tal-era Kristjana. Il-Qabar ta' Marija kien mibni f'kamra rettangolari ta' xi 2 metri b'1.75 metri, bi xkaffa fil-blat wiesgħa 0.75 metri u li x'aktarx kellha *arcosolium* bħall-Qabar ta' Kristu. Meta nbniet il-knisja Biżantina din il-kamra ġiet iżolata għaliha biex saret edikola fiċ-ċentru tal-kripta.

## Deskrizzjoni tal-Kripta u kif tidher illum

Il-kripta tal-knisja Biżantina kienet mibnija forma ta' salib, b'żewġ volti semi-ċirkulari xi 6 metri wiesgħa, li jiltaqgħu f'angolu rett. Illum il-ġurnata t-tul ta' dawn il-korsiji naqas ġmielu, x'aktarx għax maż-żmien jew ġew imbarrati biex jiġi evitat għargħar, jew saru diversi bidliet strutturali fil-binja.

Meta wieħed iqis il-fatt li s-soqfa huma baxxi, u li l-ħitan huma ħoxnin u b'saħħithom, u kważi ma hemmx twieqi, hu probabbli li din il-binja dejjem kellha l-iskop li tkun kripta ta' knisja li kienet mibnija fuqha. Jekk il-kripta hi parti mill-ewwel knisja li bena Theodosius I, mela x'aktarx li l-binjiet li għamlu Maurikios u l-Abbati Modestos kellhom x'jaqsmu biss mal-knisja superjuri. Imma lanqas

nistgħu ngħidu xi pjanta seta' kellha l-knisja Biżantina.

L-aktar struttura importanti tas-seklu 12 li turina binja li għamlu l-Kruċjati hi t-taraġ monumentali li minnu trid tinżel fil-kripta. Il-faċċata tal-kripta, li tħares lejn in-nofsinhar, hi 11.25 metri wiesgħa, u għandha bieb gotiku li hu wiesgħa 2.4 metri li fuqu hemm arkitravu u timpanu, magħluqin f'ark bil-ponta li fih tliet ordinijiet, imwieżen fuq sitt kolonni b'kapitelli Korinzi. Il-bieb jagħti għal daħla li fiha volta bil-ponta. Fuq in-naħa tal-lemin hemm bieb imbarrat, li antikament kien jagħti għall-Għar tal-Appostli.

Il-kappella ta' San Ġwakkin u Sant'Anna, fejn kien hemm il-qabar tar-Reġina Melisende, tinsab fuq il-lemin taħt tieqa. Tidħol fiha minn ark bil-ponta wiesgħa 3.85 metri. X'aktarx li l-qabar kien jinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-kappella, taħt *arcosolium*. Fuq ix-xaqliba tax-xellug hemm kappella funerarja oħra, li fiha arkata ta' xi 3.2 metri wiesgħa. Illum din hi l-kappella ta' San Ġużepp, u x'aktarx li oriġinarjament kienet il-qabar tar-Reġina Morphia, mart ir-Re Baldwin II, li kienet omm Melisende.

Fil-kripta Biżantina, il-Qabar tal-Verġni Marija ġie iżolat biex jifforma blokka ta' blat 2.85 metri fid-direzzjoni tramuntana-nofsinhar, 2.6 metri fid-direzzjoni lvant-punent, u 1.75 metri fl-għoli. Fl-era Biżantina din l-edikola kienet miksija bil-mużajċi, filwaqt li fl-era Kruċjata ġiet miksija b'irħamijiet fini, li mbagħad ġew meqrudin wara l-ħakma Ottomana. L-edikola kienet dejjem imbajda sal-1972, meta l-iskavi kixfu l-istrati oriġinali tal-ġebel u l-blat tal-edikola.

Il-pellegrini jersqu lejn l-Edikola tal-Qabar tal-Madonna, li quddiemha hemm l-altar li fuqu jiċċelebraw il-Griegi u



*Ikona tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija*

l-Armeni. Fil-lemin tal-altar hemm bieb dejjaq ta' 1.24 għoli u 0.55 metri wiesa' li jdaħħlek fil-Qabar. Hemmhekk, wara l-*plexiglass* hemm il-bank tal-blat li fih tqiegħed il-ġisem tal-Verġni Marija, li fih tliet toqbiet tondi ta' 0.24 metri djametru, li minnhom il-pellegrini setgħu jdaħħlu jdejhom biex imissu l-Qabar, li hu miksi b'lapida tar-rħam li tmur lura għas-seklu 17.

Malli toħroġ mill-bieb dejjaq tan-naħa tat-tramuntana ssib ruħek fil-parti l-aktar interna tal-kripta, fejn hemm abside u altar tal-Griegi, li fuqu hi meqjuma ikona devota tal-Verġni Marija, magħrufa bħala *Panagia Ierosolymitissa* (Il-Qaddisa Sinjura ta' Ġerusalemm). Quddiem din l-ikona, li saret fl-1870 fil-monasteru ta' Santa Marija Maddalena tal-Għolja taż-Żebbuġ, jitolbu eluf ta' pellegrini Ortodossi, li jżuru dan is-Santwarju l-aktar fil-festa tad-Dormizzjoni ta' Omm Alla (*Koímēsis Theotoku*), li fil-kalendarju Ġuljan tikkorrispondi għat-15 ta' Awwissu (28 ta' Awwissu fil-kalendarju Gregorjan li nsegwu aħna l-Kattoliċi). Għall-Ortodossi din hi festa solennissima, li huma jħejju ruħhom għaliha b'Randan ta' sawm ta' 15-il ġurnata (1-14 ta' Awwissu fil-kalendarju Ġuljan / 13-27 ta' Awwissu fil-kalendarju Gregorjan).

Hi tradizzjoni tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm li nhar il-25 ta' Awwissu issir purċissjoni bl-ikona tat-Theotokos, li fiha rappreżentazzjoni fuq żewġ naħat tal-Verġni Marija mimduda u mkeffna għad-difna. Din l-ikona tinsab meqjuma fil-knisja tal-Ġetsemani tal-Ortodossi, li tinsab faċċata tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. F'dak il-jum din l-ikona tittieħed f'purċissjoni lejn il-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat, fejn tibqa' għall-qima sal-5 ta' Settembru, meta mbagħad terġa' tittella' proċessjonalment lejn Ġerusalemm f'dik li tissejjaħ l-*Apódosis* (Ritorn) tad-Dormizzjoni tal-Omm ta' Alla. Matul din l-Ottava, it-48 tarġiet li jinżlu fil-kripta tal-Qabar tal-Verġni Marija jkunu miksijin bix-xemgħat jixegħlu tad-devoti.



# IL-MARA TAL-APOKALISSI IL-MADONNA FL-AĦĦAR KTIEB TAL-BIBBJA

***Fr Charles Buttigieg***

## Il-Ktieb tal-Apokalissi

Il-kelma 'Apokalissi' ġejja mill-Grieg apo li tfisser 'quddiem' u kalupto li tfisser 'xi ħaġa moħbija'. Huwa il-ktieb tar-Rivelazzjonijiet (mil-Latin: revelare). Għalhekk il-ktieb jittratta dwar rivelazzjoni ta' xi ħaġa. Dan l-aħħar ktieb tal-Bibbja miktub minn San Ġwann l-Evaġelista huwa ktieb ta' valur teoloġiku kbir, b'kunċetti teoloġiċi u viżjonijiet dwar dak li ġej u dak preżenti. Kemm San Irinew ta' Lyons fis-sena 180 A.D., San Ġustinu (165 A.D.), Klement ta' Lixandra (215 A.D.), u Origene jiktbu li Ġwanni l-appostlu huwa l-awtur tal-ktieb. Il-ġeneru letterarju tal-ktieb hija l-apokalittika u għalhekk tagħmel minn dan il-ktieb bħala wieħed profetiku fil-Ġdid Testment. Bħala apokalittika fl-Antik Testment insibu l-Ktieb ta' Danjel, Isaija, Ġoel, Zakkarija u Eżekjel. Wara l-era bibblika nkitbu diversi kitbiet apokalittiċi. Temi ewlenin f'din il-kitba huma l-affarijiet tat-tmiem id-dinja. Hawnhekk jidħol simboliżmu qawwi, kożmiku, terjomorfiku dwar l-annimali u dak aritmetiku. Fl-Apokalissi ta' San Ġwann naraw l-idea ċentrali ta' Kristu l-Pantokrator li jmexxi lid-dinja u liż-żmien. San Ġirolmu dwar l-Apokalissi jikteb 'Apocalypsis Ioannis tot habet misteria quot verba' jiġifieri li għandu ħafna misteri daqs il-kliem tiegħu. Il-ktieb aktarx inkiteb ġewwa Efesu (wara l-eżilju ta' Patmos) lejn is-sena 95 W.K. fejn juri li l-Insara kienu għaddejjin minn persekuzzjoni ħarxa fi żmien l-imperatur Domizjanu (81-96 A.D.). Fil-ktieb l-Imperu Ruman huwa meqjus bħala 'Babilonja fis-sakra'. Għalhekk bil-karattru apokalittiku tiegħu l-Apokalissi juri lil Kristu bħala l-imħallef rebbieħ u għalhekk ta' kuraġġ għall-komunità Nisranija fit-tbatija tal-persekuzzjoni. Fuq kollox il-ktieb jitkellem mill-Madonna bħala l-Mara tal-Apokalissi.

## Kontenut

Il-Professur Ugo Vanni tal-Biblicum u tal-Gregoriana jgħidilna li l-ktieb fih il-Prologu fl-ewwel tliet versi, il-Korp tal-ktieb huwa minn 1:4 sa kap 22:5 li jinkludi l-ittri lis-Seba' knejjes tal-Asja: Efesu, Smirna, Pergamus, Tijatira, Sardis, Filadelfja u Loadiceja, id-dehra tat-tron tal-ħaruf, l-għotja tas-seba' siġilli, u l-Jum il-Kbir tal-intervent aħħari ta' Kristu. Il-Ktieb jagħlaq b'epilogu f'kap 22:6-21. Il-kontenut tal-ktieb juri xebh mar-raba' vanġelu ta' San Ġwann kemm fis-simboliżmu u kemm fit-temi li nsibu bħalma hija t-tema ferm importanti tal-Ħaruf u t-tema tad-dinja u tal-univers. It-tema tal-Ħaruf, bil-Grieg arnion, insibuha 28 darba fil-ktieb. It-terminu arnion irid ifisser ħaruf prezzjuż, ħaruf regali u glorjuż waqt li amnos hija



marbuta mal-ħaruf tas-sagrifiċċju: "Għad jagħmlu gwerra lill-Ħaruf u l-Ħaruf joħroġ rebbieħ fuqhom" (17:14). Huwa ktieb li fuq kollox jitkellem dwar il-Knisja dik inkarnata u dik trasfigurata. Fil-kapitlu 16:12-16 għandna riferenza għall-wied ta' Gezreel qrib Nazareth fejn fih saru diversi battalji bħala Armageddon. Il-Ktieb jagħlaq l-epilogu liturġiku f'22:6-21.

Fl-Apokalissi jissemmew it-tribujiet kollha ta' Israel minbarra dak ta' Dan u dan għaliex dan it-tribù kien daħħal l-idolatrija. Il-ktieb isemmi wkoll 'il-Kelma ta' Alla' f'19:13. Il-Madonna hija msemmija bħala dik liebsa x-xemx.

## Is-Simboliżmu

Il-ktieb fih simboliżmu kożmiku li jittratta is-sema, il-kwiekeb, ix-xemx, il-beraq, ir-ragħad, is-smewwiet u l-baħar trasparenti tal-kristall b'riferiment lejn il-kobor ta' Alla (4:6). Għandna simboliżmu ieħor ta' taqlib kożmiku fejn naraw ix-xemx tiskura f'21:23, il-qamar jiħmar f'6:12, is-sema jgħaddi f'21:1, l-art imħarbta u maħruqa f'8:7. Is-sema huwa l-isfera tat-traxxendenza waqt li l-bhima toħroġ mill-baħar fil-kapitlu 13. Naraw id-dragun li b'denbu itajjar il-kwiekeb mis-smewwiet u jaqgħu fuq l-art (12:4).

Hemm is-simboliżmu terjomorfiku dwar l-annimali li jissemmew 20 darba, l-iljun 6 darbiet, l-ajkla tliet darbiet, il-ġradijiet darbtejn, id-dargun tlettax-il darba, il-bhima jew monstru 38 darba, żiemel sittax-il darba, iż-żrinġ darba, l-iskorpjun tliet darbiet, is-serpent ħames darbiet, il-kelb darba, l-għasfur tliet darbiet, u fuq kollox il-Ħaruf li nsibuh 28 darba. Naraw il-Ħaruf jieħu il-ktieb, jiftaħ is-siġilli, jagħdab, jirgħa, jiġġieled, jirbaħ, jiċċelebra it-tieġ u qiegħed fuq it-tron.

F'Ġerusalemm il-Ġdida, dik tas-sema, jibqa' biss il-Ħaruf bħala s-Salvatur (ara ukoll Ġw 1:9). Il-Ħaruf wieqaf



f'5:6 huwa Kristu Rxoxt. Rigward l-Adorazzjoni tal-Ħaruf għandna l-pittura biż-żejt fuq l-injam fil-Katidral ta' San Bavone di Gant minn Jan van Eyck. Hemm is-simboliżmu antropoloġiku jew antropomorfiku jiġifieri dwar il-bniedem. Imsemmija hawnhekk il-Mara b'rabta mal-Madonna u mal-Knisja (ara 18,23 u 22:17). Hemm il-simboliżmu kromatiku dwar il-kuluri fejn il-kulur abjad jissemma 15-il darba u dan huwa s-simboli tal-qawmien, l-aħmar darbtejn, aħmar skarlat 4 darbiet, aħmar nar darba, aħdar tliet darbiet u l-kulur taż-żiemel iswed. Hemm ukoll is-simboliżmu aritmetiku dwar in-numri. Naraw in-numru 666 jirreferi għal Neruni Ċesri marbut mas-simboliżmu tal-Bhima u l-Antikrist (bil-Grieg: antichristos jiġifieri kontra Kristu (Apok 13:4-18). In-numru sitta huwa n-numru tal-apostasija u tal-ħażen u għalhekk in-numru 666 huwa l-ħażen ikkonċentrat. In-numru sebgħa li juri totalità fejn dan jissemma ħafna drabi għas-seba' knejjes (2:1-3:22), seba' msiebaħ, seba' siġilli (6;1-8:1), seba' ittri, seba' bwieqi (12:1-15:8), seba' trombi (8:7-11:19) u seba' kwiekeb. Huwa n-numru tal-azzjoni ta' Kristu u ta' Alla u huwa n-numru tal-perfezzjoni. In-numru tlieta u nofs juri parzjalità' (tliet snin u nofs jew 42 xahar jew 1260 jum), insibu in-numru 1000 għal



Alla u juri milja f'Alla, in-numri 10 li juri limitezza u fuq kollox in-numru 12 għat-tribujiet u l-appostli, in-numru 3 li juri perfezzjoni spiritwali, in-numru 4 li juri perfezzjoni materjali, in-numru 6 juri imperfezzjoni, u n-numru simboliku tal-144,000 li nsibu f'7:4 u 14:1 li jfisser il-multiplikazzjoni tat-12 il-tribu (jiġifieri l-Antik Testment) u t-12-il appostlu (il-Ġdid Testment) li jiffurmaw il-poplu wieħed ta' Alla (in-numru 1000), "kotra kbira li ħadd ma' jista' jgħoddha" (Apok 7:9). In-numru 144,000 juri fuq kollox immensità u kompletezza suprema ta' totalità u universalità.

## Il-Madonna fl-Apokalissi

L-Apokalissi ta' San Ġwann jgħallimna ukoll dwar Alla (bil-Grieg: Ho Theos). Alla li huwa qaddis u ġust u dan insibuh 65 darba fil-Ktieb. Naraw lil Alla bħala dak li qed imexxi l-istorja tal-bniedem "Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (4:8). L-Apokalissi jgħallimna dwar Kristu fejn l-isem insibuh 9 darbiet. Huwa il-Ħaruf (6:1) u l-Verb ta' Alla u Kristu Rxoxt: "Imbagħad bejn it-tron u l-erba' ħlejjaq ħajjin u f'nofs ix-xjuħ, rajt li kien hemm Ħaruf, bħallikieku kien maqtul, b'seba' spirti ta' Alla mibgħutin fuq l-art kollha" (5:6). Hu għalhekk fil-ktieb għandna kristoloġija mill-iktar żviluppata. L-Ispirtu s-Santu huwa dak li jagħti r-ruħ lill-Knisja kollha. Insibu fuq kollox it-tema tal-Knisja (ecclesia) kif naraw f'1:20 u l-liturġija ekkleżjali. It-tema tal-Madonna hija

importanti kif insibu fil-kapitlu 12 vers 1: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha" (ara wkoll il-ħolma ta' Ġużeppi fil-Genesi 37:9). Il-Knisja hi fuq l-art iżda għandha dimensjoni tas-sema, Ġerusalemm il-ġdida f'21:14, il-belt il-qaddisa, li hija l-art u s-smewwiet ġodda li hija riflessjoni ukoll ta' Isaija 65:17 u Galatin 4:26. Hija mpittra bħala belt u bħala għarusa u toħroġ rebbieħa (ara Eżek 16:11-13). Dan hu ż-żmien propizju u importanti (kairos) għall-Knisja kollha li tħares fl-istorja taż-żmien (kronos) lejn il-Jum il-Kbir. Jitħabbar sema ġdid u art ġdida liema temi nsibuhom fil-profeziji ta' Is 65:17 u 66:22. Għalhekk mela la darba l-Madonna għandha s-sehem uniku tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni u allura l-bibbja titkellem kontinwament dwar Marija, u dan insibuh jekk niflu sewwa l-ewwel ktieb tal-Bibbja, il-ktieb tal-Genesi u nibqgħu sejrin sa l-aħħar ktieb, fl-Apokalissi kif rajna.

## Bibliografija


Aune, D., *Revelation*, Dallas (TX) 1997.

Barsotti, D., *Meditazioni sull'Apocalisse*, Brescia 1966.

Bauckham, R., *The theology of the Book of Revelation*, Cambridge 1993.

Beale, G.K., *The Book of Revelation*, Grand Rapids (MI) 1999.

Becker, S.W., *Revelation: The Distant Triumph Song*, Milwaukee 1985.

Bosetti E. – Colacrai A., *Apokalypsis. Percorsi nell'Apocalisse di Giovanni*, Assisi 2005.

Campell, R.A., "Triumph and delay: the interpretation of Revelation 19:11-20:10", in *The Evangelical Quarterly* 80 (2008) 3-12.

De Ambrogio, C., L'Apocalisse, I-II, Torino 1961.

De Martin de Vivies, P., *Apocalypses e cosmologie du salut*, Paris 2002.

Deutsch, C., "Transformation of symbols: The New Jerusalem in Rev 21:1-22:5", in *ZNW* 78 (1987) 106-126.

Glasson, T.F., "The last judgment in Rev 20 and related writings", in *NTS* 28 (1982) 528-539.

Lenski, R.C.H., *The Interpretation of St. John's Revelation*, Columbus (OH) 1935.

Lisetto, G., *La visione della Gerusalemme nuova (Apocalisse 21, 1-8),* Napoli 2004.

Maggioni, B., *L'Apocalisse per una lettura profetica del tempo presente*, Assisi 1981.

Ravasi, G.F., *Il libro dell'Apocalisse*, Bologna 1991.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Williams, P.J., "Papyrus 115 and the number of the Beast", in *Tyndale Bulletin* 58 (2007) 151-153.

Vanni, U., "L'analisi letteraria e l'esegesi dell'Apocalisse", in *RivBib* 28 (1980) 335.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali,* Bologna 2009.

Ventura, F., "Eis que faco novas todas as coisas (Ap 21,1-8)", in *Laurentianum* 40 (1999) 437-499.



# IL-MIRAKLU TAD-DQIQ U TAŻ-ŻEJT (1 SLAT 17,7-16) (3)

***Mons Lawrenz Sciberras***

Il-profeta Elija barra li huwa profeta ta' ħeġġa enormi u tan-nar, wieħed bla kantunieri, iebes bi kliemu u f'għemilu, mingħajr ebda rispett uman speċjalment mas-slaten. Ma' dawk li jkasbru l-ġustizzja soċjali u ma' dawk li ma jipprattikawx it-twemmin tal-Lhud, għandna nħarsu wkoll lejh bħala ħabib tassew taż-żgħar, tal-fqar, tar-romol u tal-orfni, ta' l-imsejkna. Elija li huwa iebes tassew ma' dawk li huma prepotenti, u bla ebda ġustizzja ta' xejn, juri

wkoll kemm huwa twajjeb, ħelu, ġwejjed u umli mal-fqar ż-żgħar, l-imwarrbin dawk li ma hemmx min jiddefendihom.

Il-ġrajja tal-laqgħa ta' Elija mal-armla ta' Sarefta hija waħda tassew li tmiss il-qalb. Hawn se naraw il-miraklu tad-dqiq u ż-żejt, iż-żewġ elementi tant meħtieġa għall-għajxien tal-ħajja, imma wkoll żewġ elementi mimlijin simboliżmi. Huma wkoll żewġ prodotti li l-art tagħti u tipprovdi.

## Elementi ċentrali tal-ġrajja

Qabel ma nkomplu nidħlu f'aktar dettal dwar din il-ġrajja sewwa li wieħed jibda biex isemmi dawk id-dettalji ċentrali flimkien mal-personaġġi li jiffurmaw din il-ġrajja hekk providenzjali. Dawn huma: (1) il-post fejn, Sarefta, (2) waħda armla, (3) qiegħda ħdejn bieb il-belt, (4) tiġbor il-ħatab, (5) belgħa ilma x'nixrob, (6) kisra ħobż, (7) xejn maħbuż, (8) biċċtejn ħatab, (9) nikluha u (10) immutu. Stat ta' faqar aktar qawwi minn dan ma jistax jeżiżti, estremità assoluta

Barra dan Alla amar lill-profeta Elija biex dan imur u joqgħod f'Sarefta (vv 7-9). Hawn ta' min jinnota li din l-għażla li għamel Alla mal-profeta Elija baqgħet imnaqqxa fil-memorja tal-poplu ta' Israel. Tant hu veru dan li Ġesù nnifsu fl-ewwel diskors tiegħu li għamel fis-



sinagoga ta' Nazaret għamel riferenza għal din il-ġrajja; "Għax ngħidilkom is-sewwa kien hemm bosta romol f'Israel fi żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon" (Lq 4,25-26). Jiġifieri dak li l-profeta Elija ma sabx fost il-poplu tiegħu stess sabu għand il-barranin, il-pagani.

Dan l-episodju għandu importanza partikulari għaliex joħroġ għad-dawl l-interess tal-profeta għall-pagani – goyim – mela għal dawk it-talin li ma jiffurmawx parti mill-poplu ta' Alla. Talin li ma kellhomx sinagogi fejn jinġabru u jitolbu bil-Kelma ta' Alla, talin li ma jiċċelebrawx il-festi biex ifakkru fil-mumenti kbar fl-Istorja tas-Salvazzjoni tagħhom, talin li t-tempju bis-sagrificcji kien biss ħolma jekk mhux ukoll mogħdija ta' żmien. U kien grazzi għal dan il-profeta li l-poplu wara li ra l-miraklu ta' Elija beda jħares mod ieħor lejn dawn in-nies mibgħutin minn Alla.

## Il-laqgħa ta' Elija mal-armla

L-ewwel ħaġa li talab il-profeta lil din l-armla kienet l-anqas ħaġa li qatt seta' jitlob: agħtini nixrob. Meta mbagħad Elija intebaħ li din il-mara umli u fqira kienet lesta biex taqdih aktar u mill-qalb, Elija żied it-talba. "Ġibli jekk jogħġbok, kisra ħobż f'idejk". It-tweġiba tal-armla kienet waħda emozzjonanti tassew: "F'ġieħ ħajjet il-Mulej Alla tiegħek". Donnu l-armla riedet tissiġilla bis-sħiħ dak kollu li kienet se tgħid. Hawn forma ta' ħalfa! Għalhekk hija semmiet "'l Alla tiegħek".

Minkejja li din l-armla ma kenitx tagħmel parti mill-poplu magħżul, l-armla bħal ħafna persuni oħra reliġjużi ta' żmiena, intebħet u għarfet li dak kien bniedem ta' Alla, mela jixraqlu l-aħjar! U mhux biss, iżda instintivament l-armla tat xhieda tal-qima, rispett u ubbidjenza lejn il-profeta.

Madankollu l-armla ma kellha xejn; kienet quddiem bniedem ieħor fqir u nieqes minn kollox bħala. L-ewwelnett Elija kellu jaħrab mill-istess moħba f'Kerit, issa ġie bla dar u saqaf, ma kien fadallu ebda għan speċifiku ieħor, u mingħajr ebda possibiltà li jistrieħ fuq xi ħadd! Biss mill-kuntest jidher sew li l-armla kienet wisq aktar fqira minn Elija.

## Alla l-ħaj

Diġà rajna li l-armla minkejja li ġejja minn poplu mhux Lhudi uriet li temmen bis-sħiħ f'Alla imma wkoll Alla ħaj, Alla li jista' kollox, Alla qawwi, Alla providenza. Fuq kollox dan Alla għal dik l-armla kien wieħed li jwarrab lil prepotenti u lil kull forma oħra ta' inġustizzji u qerq. Mela huwa Alla li jbaxxi ħafna lis-suppervi. Il-ġrajja ta' l-għalqa tad-dwieli ta' Nabot hija konferma ta' dan kollu. (1Slat 21).

Sant'Ambroġ ikompli jistagħħġeb bl-imġiba tal-profeta Elija fid-djaloġu li kellu mal-armla. "Forsi Elija kien anqas ferħan u kuntent għall-fatt li kien fqir? Xejn minn dan! Anzi Elija kien aktar ferħan għaliex kien għani quddiem Alla. Il-faqar mela huwa għana evanġelika, għana misterjuż u divin. Il-bniedem ta' din id-dinja ma jista' qatt jasal biex jifhem din il-verità. Dan għaliex kollox jiddependi minn liema ottika wieħed iħares lejn il-ġid tad-dinja, jista' jkun ġid li ijassar u ġid li jagħmlek aktar kuntent u ferħan.

## Alla jħobb lil min hu altruwista.

Elija ntelaq u ħalla lil Alla jagħmel Hu minnu. Ġie mitlub biex imur lejn nixxiegħa tal-ilma frisk; imur lejn pajjiż kollu kemm hu barrani għalih, u fuq kollox jittallab x'jiekol minn għand armla minn Sarefta ta' Sidon (1 Slat 17,8). Dan kien waqt qawwi tassew għal profeta fejn ħarġet it-

telqa tiegħu f'Alla. Xejn ma kien faċli għal Elija, imma mwieżen minn Alla huwa kompla l-mixja tiegħu.

Ukoll l-armla nsiet lilha nfisha, għaliex wara li semgħet kliem il-profeta, b'moħħha mistrieħ ippreparat l-ikel għall-profeta wkoll, minkejja li kważi ma kien fadlilha xejn. Dan juri telqa sħiħa u totali f'Alla li kienet temmen fiH. F'dan il-każ Alla 'l ħaj jippreżenta lilu nnifsu fil-moħbi u fis-sempliċità, milli aktar fil-wirja u daqq ta' trombi. Alla jipprovdi ftit ftit u bil-paċenzja. Id-dqiq tal-armla ma naqas qatt. U kif ġara dan hija stess ma kenitx taf tfissru. Mela telqa sħiħa fil-providenza.

Alla, għaliex huwa ħaj, jinħeba wkoll fil-mirakli u f'sinjali straordinarji. Dan qalu u saħħu Ġesù stess. Fetaħ għajnejn l-għama (Ġw 9). Xtaq li ħadd ma jkun jaf x'ġara. Iqajjem lil bint il-kap tas-sinagoga. Ġesù wissihom bis-sħiħ biex dan ma jkun jaf bih ħadd" (Mk 5,43). L-istess jiġri fil-fejqan ta' wieħed imġiddem: "Qis li ma tgħid xejn lil ħadd. Iżda mur uri ruħek lill-qassis, u agħmel offerta għall-fejqan tiegħek, kif ordna Mosè" (Lq 5,14).

Alla l-ħaj ikun dejjem qrib ta' dawk li jintelqu f'idejh: Din hija l-fiduċja li għandu jkollu kull bniedem f'Alla. Il-profeta Elija huwa sinjal qawwi, ċar u tanġibbli ta' dan kollu. Tant taħbit u preokkupazzjoni għal xejn.

Kollox fi ftit ħin itir mar-riħ. Kemm fih x'wieħed jomgħod kliem Ġesù meta qal: "Biżżejjed hu għal jum it-taħbit tal-ġurnata" (Mt 6,34).

Għalhekk mela wkoll li l-profeta Elija huwa figura frekwenti fit-Testment il-Ġdid. Dan għaliex minkejja l-faqar li kien għaddej minnu huwa sab il-komfort u dak li jeħtieġ għand min kellu l-anqas, waħda armla! Għalhekk hemm differenza kbira bejn il-loġika ta' din id-dinja u l-loġika ta' Alla,

**Sa minn din id-dinja stess.**

Il-konklużjoni ta' din il-ġrajja tal-armla ma' Elija hija waħda aktar imxaqilba lejn





ġrajjiet is-sema milli lejn dawk tal-art. Għaliex din l-arma ma naqasha xejn aktar minkejja li temgħet lill-profeta minn dak li kien fadlilha. U la d-dqiq u lanqas iż-żejt! Stramba tassew imma vera. Għaliex Alla jħallas kemm il-ħażin kif ukoll it-tajjeb sa minn din id-dinja stess. Kulħadd għad irid iwieġeb għal għemilu. Hekk ġralha l-armal ta' Sarefta minn Sidon (1 Slat 17, 16).



# ĠRAJJIET IL-ĦAJJA FI ĦDAN IL-ĠUDAJIŻMU

***Marcello Ghirlando***

Ejjew illum inħarsu lejn ġrajjiet il-ħajja u kif dawn jiddawlu bit-twemmin tal-Ġudajiżmu u liema huma t-tradizzjonijiet Lhud l-aktar importanti fil-ħajja tad-dar.

## Twelid u Ċirkonċiżjoni



L-ewwel kmandament tal-Iskritturi Lhud huwa ċar fil-kuntest tal-ewwel rakkont tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi: "Nisslu u oktru, u mlew l-art, u aħkmuha" (1: 28). Fiż-żmien bibliku n-nisa kienu jmilu biex jeħilsu (1Sam 4: 19) jew joqogħdu bilqiegħda fuq banketta apposta (Eż 1). Il-preċetti tal-Iskritturi Lhud jagħtuna ħjiel ta' x'kellu jsir għall-indafa ritwali tal-mara: jekk tiled tifel kienet tkun ritwalment imniġġsa għal sebat ijiem u għal tlieta u tletin jum ma setgħetx tersaq lejn it-Tempju u tmiss oġġetti qaddisa; jekk tiled tifla kienet tkun ritwalment imniġġsa għal erbatax-il jum u l-jiem li fihom ma setgħetx tersaq lejn it-Tempju kienu jkunu ta' sitta u sittin. F'każ ta' kumplikazzjonijiet gravi fil-ħlas il-ħajja tal-mara kienet tieħu preċedenza fuq dik tat-tarbija mhux imwielda, tarbija li kienet titqies bħala kompletament umana malli tkun nofsha barra mill-ġuf.

Ta' min ifakkar li fl-antik il-qraba tat-tarbija l-ġdida kienu jużaw diversi amuleti biex ibiegħdu l-ispirti l-ħżiena minnha. Fl-Ewropa tal-Lvant, miż-Żminijiet tan-Nofs, l-omm kienet tmur fis-sinagoga biex titlob u trodd ħajr lil Alla għat-twelid tat-tarbija l-ġdida bil-barka msejħa *Gomel*, filwaqt li l-ġemgħa titlob il-barka, *Mi-Xe-Barak*, fuq l-omm u t-tarbija.

L-isem ta' tarbija tifel jingħata waqt ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni, filwaqt li l-isem ta' tarbija tifla jingħata wara li tinqara t-*Torah* l-ewwel darba wara t-twelid tagħha. L-isem Lhudi jingħaqad ma' *ben*, "bin" jew *bat*, "bint" u l-isem tal-Missier. Hija l-forma uffiċjali li tintuża fid-dokumenti Lhud u meta persuna tissejjaħ biex taqra t-*Torah.* Din hija prattika li baqgħet tintuża sal-ġurnata tal-lum, anki jekk l-individwu jingħata wkoll isem sekulari. Tradizzjonalment, waqt xi marda serja, l-isem kien jinbidel biex l-anġlu tal-mewt jitfixkel!

L-Iskritturi Lhud jitkellmu wkoll fuq id-drawwa li l-ewwel wild ikun mifdi għax dawn kellhom ikunu ppreżentati lil Alla fit-Tempju, drawwa li tissejjaħ *Pidjon ha-Ben*: "U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu: 'Ħu l-Leviti minflok l-imweldin l-ewwel ta' wlied Israel, u l-bhejjem tal-Leviti minflok il-bhejjem tagħhom. Il-Leviti jkunu tiegħi: Jiena l-Mulej. U bi prezz għall-fidwa tal-mitejn u tlieta u sebgħin imwieled l-ewwel ta' wlied Israel, li jibqgħu żejda fuq l-għadd tal-Leviti, ħu ħames xwiekel għal kull ras – ix-xekel ikun ta' għoxrin uqija daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju. Int tagħti dawn il-flus lil Aron u lil uliedu b'fidwa ta' dawk li baqgħu żejda.' U Mosè ħa l-flus tal-fidwa tal-Leviti. Mill-imweldin l-ewwel ta' wlied Israel ħa s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u sittin xekel, daqskemm jiswa xekel tas-santwarju. U Mosè ħa l-flus ta' dawk li kienu mifdija lil Aron u wliedu, skont ma

ordnalu l-Mulej" (Num 3: 44-51). Skont il-leġiżlazzjoni mfissra fil-*Mixnah* u fit-*Talmud* ulied il-qassisin u l-Leviti u n-neputijiet tagħhom huma eżenti mir-rit tal-fidwa. Fiż-żmien rabbinku ssawret ċerimonja li fiha missier it-tifel, 31 jum wara t-twelid, jistqarr quddiem qassis li t-tarbija hija l-ewwel wild ta' ommu u missieru, u li hu, bħala missier, huwa obligat jifdih. Dan isir bil-ħlas ta' ħames *xekalim*. Il-missier imbagħad jgħid it-talba tal-barka biex iwettaq il-preċett tal-fidwa u jrodd ħajr lil Alla.

Skont l-Iskritturi Lhud it-tfal subien issirilhom iċ-ċirkonċiżjoni ritwali bħala sinjal tal-patt bejn Abraham u nislu: "U Alla żied jgħid lil Abraham: 'U int iżżomm il-patt tiegħi, int u nislek warajk, skont il-ġenerazzjonijiet tagħkom. Dan hu l-patt li għandkom tħarsu bejni u bejnkom, u bejni u bejn nislek warajk għal dejjem: aħtnu kull raġel fostkom. Intom tkunu maħtuna fil-laħam ta' ġisimkom, u dan ikun sinjal bejni u bejnkom'" (Ġen 17: 9-11).

Il-ħtin jew ċirkonċiżjoni ritwali ssir tmint ijiem wara t-twelid tat-tifel u ssir minn *Moħel*. Huwa rit li jista' jsir fix-*Xabbat*, fil-festi Lhud u anki fil-*Jom Kippur*. Iċ-ċerimonja ssir tradizzjonalment, issir fil-preżenza ta' għaxart irġiel Lhud, *minjan*. Filgħodu t-tarbija tittieħed mill-parrina li tagħtih f'idejn il-parrinu, *sandak*. Is-*sandak* jieħu t-tifel fil-kamra fejn isir il-ħtin u jagħtih f'idejn l-individwu li jqiegħdu fuq is-Siġġu ta' Elija. Persuna oħra tieħu t-tarbija mis-siġġu u jqegħedha f'dirgħajn il-missier li jgħaddiha fuq l-irkupptejn tal-parrinu. Il-ħtin isir minn *moħel* u llum id-demm jinġibed bi strument apposta. It-tarbija mbagħad titqiegħed f'dirgħajn persuna oħra waqt ir-rit tal-għoti tal-isem li fih tingħad il-barka fuq tazza nbid. "Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li ħlaqt il-frott tad-dielja. Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li qaddist lill-maħbub Isakk mill-ġuf u naqqaxt il-preċetti tiegħek f'laħmu, u ssiġġillajt lil nislu bis-sinjal tal-patt qaddis. Minħabba dan, o Alla l-ħaj, is-sehem u l-blata tagħna, eħles mill-qerda lill-maħbubin ta' demmna, f'ġieħ il-patt li inti naqqaxt f'ġisimna. Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li wettaqt il-patt. Alla tagħna u Alla ta' missirijietna, ħares lil dan il-wild, lil missieru u ommu, u agħmel li jissejjaħ Israel... bin.... Ħa jifraħ il-missier f'nislu u l-omm tifraħ b'uliedha; bħalma hu miktub: 'Ħa jifirħu missierek u ommok, ħa tifraħ dik li wilditek'... Huwa miktub: 'Huwa ftakar fil-patt tiegħu għal dejjem, il-kelma li kkmanda għall-elf nisel; il-patt li għamel ma' Abraham, il-ħalfa li ħalef lil Isakk, u li wettaq ukoll ma' Ġakobb, ma' Israel bħala patt għal dejjem.' Huwa miktub: "U Abraħam ħaten lil ibnu Iżakk meta kellu tmint ijiem, bħalma kkmanda l-Mulej.' Roddu ħajr lill-Mulej, għaliex hu tajjeb, għaliex it-tjieba tiegħu għal dejjem. Dan iċ-ċkejken ħa jsir kbir. Bħalma daħal fil-patt, hekk jiddaħħal fl-istudju tal-Liġi, taħt it-tinda taż-żwieġ, u jimxi fit-triq tal-għemejjel tajba."

## Bar Mitzvah

It-*Talmud* jistqarr li l-adoloxxenza fis-subien tibda meta dawn ikollhom tlettax-il sena u jum. Hu l-waqt li fih isir Lhudi adult u jista' jitqies bħala membru ta' *minjan*. Hija l-età meta l-ġuvnott jibda josserva l-kmandamenti. Il-kelma *bar mitzvah* tfisser "bin kmandament" u b'mod ġenerali tintuża għal-Lhud li jridu josservaw il-kmandamenti.

Maż-żmien issawwar rit ta' passaġġ li ssejjaħ ukoll *Bar Mitzvah*. F'din iċ-ċerimonja t-tifel Lhudi jilbes it-*tefillin* u jaqra t-*Torah* b'mod pubbliku għall-ewwel darba. Fost il-Lhud tal-Ewropa tal-Lvant it-tifel kien jissejjaħ biex jaqra t-*Torah* fl-ewwel Tnejn jew Ħamis wara li jagħlaq tlettax-il sena. It-tifel kien jgħid il-barkiet tat-*Torah* u jkanta xi vrus mis-silta għal dik il-ġimgħa.

Fl-Ewropa tal-Punent it-tifel kien jissejjaħ biex jaqra t-*Torah* fit-talb tax-*Xabbat* filgħodu, ilissen il-barkiet tat-*Torah*, ikanta l-*maftir* u jaqra mill-Profeti. Jidher li llum din hija l-prassi. Malli t-tifel jispiċċa jaqra mit-*Torah*, il-Missier ilissen it-talba *Baruk Xe-Pataroni,* "Imbierek huwa Dak li serraħni." Ħafna drabi t-tifel ikun mistieden jagħmel diskors żgħir biex juri dak li jaf; ir-Rabbi mbagħad jgħid ikoll kelmtejn indirizzati lejn it-tifel li jkun qed jagħmel il-*Bar Mitzvah.* Ir-rit kienu jiċċelebrawh ukoll id-dar b'ikla wara t-talb tas-Sibt filgħodu, jew b'dik li kienet tissejjaħ *sewdah xelixit,* "it-tielet ikla", wara t-talb ta' wara nofsinhar. Dawn inbidlu f'barka fuq il-ħobż u l-inbid, *Kiddux,* fit-talb tas-Sibt filgħodu, u wara ikla familjari. Illum ħafna jippreferu jagħmlu festin flimkien. Interessanti ninnutaw li mill-1967 il-*Bar Mitzvah* taċ-ċittadini tal-Istat ta' Israel issir quddiem il-Ħajt tal-Punent f'Ġerusalemm.

Ir-Riformaturi tas-seklu XIX kienu ħolqu ċerimonja kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet. Iżda qatt ma kien hemm xi obbligu legali biex il-bniet jagħmlu l-*Bar Mitzvah* malli jagħlqu tnax-il sena u ġurnata. Fid-dinja tal-Ġudajiżmu Ortodoss kien Ġakobb Ettliner li ħoloq ċerimonja ekwivalenti għall-*Bar Mitzvah* għall-bniet, u li xterdet fost il-komunitajiet Lhud. Fl-istess seklu XIX din id-drawwa l-ġdida kienet approvata minn Ġużeppi Ħajjim bin Elija al-Ħakam ta' Bagdad: dan kiteb diversi regoli li kienu jinkludu ċ-ċelebrazzjoni ta' ikla, u libsa ġdida għat-tifla li kellha tagħmel il-*Bat Mitzvah* u tlissen il-barka *Xeħeħejanu,* "Dak li ħarisna". Fil-Ġudajiżmu Konservattiv kien Mordekaj Kaplan li mexxa ċ-ċerimonja tal-*Bat Mitzvah* fil-komunitajiet Lhud tal-Amerika. Fil-komunitajiet mhux Ortodossi t-tifla tiċċelebra l-*Bat Mitzvah* il-Ġimgħa filgħaxija jew is-Sibt filgħodu meta tmexxi t-talb, tkanta l-*Ħaftarah* u tagħmel kelmtejn. F'xi sinagogi taqra t-*Torah* ukoll. Fost l-Ortodossi, f'*minjan* ta' nisa, it-tifla taqra t-*Torah* u tkanta l-*Ħaftarah.* Barra l-Istati Uniti, il-bniet li jagħmlu l-*Bat Mitzvah* ma



jeħdux sehem fis-servizz tas-sinagoga: huwa l-missier tat-tifla li jaqra t-*Torah* u jlissen il-barka *Baruk Xe-Petaroni*; it-tifla mbagħad tlissen it-talba *Xeħeħejanu* u r-Rabbi jagħmel kelmtejn.

## Għerusija u Żwieġ

Fil-Ġudajiżmu ż-żwieġ huwa l-pjan ta' Alla għall-bnedmin, skont ir-rakkont ta' Adam u Eva fil-Ktieb tal-Ġenesi. Il-Ġudajiżmu jqis iż-żwieġ bħala rabta qaddisa u mezz li jirrealizza l-persuna umana. Huwa meqjus bħala istituzzjoni li għandha tifsira universali, imwettqa minn awtorità divina, u mhux biss bħala kuntratt legali. L-iskop taż-żwieġ huwa li tinbena familja li tkompli s-soċjetà. Fil-bidu l-Lhud seta' jkollhom aktar minn mara waħda imma dan kiem ipprojbit minn Rabbenu Gerxom fis-sena 1000. Minn dak iż-żmien iż-żwieġ Lhudi tqies bħala mongamiku.



Jekk inqallbu fl-Iskritturi Lhud nindunaw li, bħal f'kull soċjetà patrijarkali, iż-żwiġijiet kienu jkunu ppjanati mill-missier: ngħidu aħna naraw lil Abraham li jibgħat qaddej ifittex mara għal Iżakk filwaqt li Ġuda ħejja għaż-żwieġ tal-ewwel iben tiegħu (Ġen 24: 10-53; 38: 6). Meta l-proposta taż-żwieġ kienet tintlaqa' minn missier it-tfajla, jew minn ħuha l-kbir meta ma kienx ikun hemm il-missier, kien isir il-ftehim fuq il-ħlas, *moħar*, li kellu jsir mir-raġel. Fi żmien it-Tieni Tempju jidher li kien hemm aktar għażla: ġuvni kien jagħmel l-għażla tal-għarusa fil-15 ta' *Av* u f'Jum l-Espijazzjoni minn fost grupp ta' xebbiet li kienu joħorġu jiżfnu fl-għelieqi tad-dwieli.

Iż-żwieġ kien jitħejja bi żmien ta' għerusija. Iċ-ċerimonja taż-żwieġ kienet tniedi sebat ijiem ta' festa. Fiż-żmien talmudiku l-*moħar* żviluppa fil-*ketubah*, kitba formali taż-żwieġ li ggarantixxa protezzjoni lill-mara fil-każ li jmut żewġha jew jitlaqha permezz tad-divorzju. Huwa sewwasew f'dan iż-żmien li l-att formali taż-żwieġ ma baqax proċedura ċivili personali imma nbidel f'ċerimonja reliġjuża pubblika li għaliha kien ikun meħtieġ *minjan* u t-talb.

Fiż-żmien Bibliku u talmudiku ż-żwieġ kellu żewġ mumenti prinċipali: l-għerusija u n-*Nissujin*. L-għerusija nfisha kellha wkoll żewġ mumenti: l-impenn ta' koppja li



jiżżewġu bil-ftehim fuq ix-*xiddukin* ("serħan il-moħħ"), jiġifieri l-obbligazzjonijiet finanzjarji, u ċerimonja li kienet twaqqaf relazzjoni ta' żwieġ, *għerusin,* imma indipendenti miċ-ċerimonja taż-żwieġ. F'Ġenesi 34 għandna eżempju tax-*xiddukin*, fejn jitħallas *moħar*, is-somma tal-flus imħallsa mir-raġel lil missier dik li kellha tkun martu. It-*Talmud* jitkellem mill-ftehim li kellu jsir bejn il-ġenituri tal-għarajjes dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji. Dawn kienu jitniżżlu bil-miktub fuq dokument imsejjaħ *xetar pesikta*; l-ammont mogħti lill-iben kien jissejjaħ *nedunja.* Miż-Żminijiet tan-Nofs sal-lum il-ftehim qabel iż-żwieġ kien isir bil-fomm, *vort*, u permezz ta' ċerimonja, *kinjan*, li fiha l-għarajjes jintrabtu li jiżżewġu. Dan isir waqt ikla; wara ssir il-kitba, *tenajim*, li fiha jkun hemm il-ftehim u d-data u l-post fejn għandu jsir iż-żwieġ. Iċ-ċerimonja tagħlaq bl-ommijiet tal-għarajjes li jkissru platt tal-fuħħar.

Fil-Bibbja l-għerusija hija msejħa *għerusin*; fiż-żmien rabbiniku tissejjaħ *kidduxin*, kelma li turi li minn dak il-ħin it-tfajla ma setgħetx tkun ta' rġiel oħra. Skont il-*Mixnah* l-għarusa setgħet tittieħed għaż-żwieġ permezz tal-flus jew b'att mitktub jew bl-att sesswali. Fl-għerusija l-għarus kien jagħti ċurkett lill-għarusa u filwaqt li jlibbisulha jistqarr: "Ara, issa inti kkonsgrata għalija b'dan iċ-ċurkett skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel." Wara barka fuq l-inbid iċ-ċerimonja kienet tintemm. L-għarusa kienet tibqa' tgħix id-dar ta' missierha saċ-ċelebrazzjoni tan-*nissujim.*

Fiċ-ċelebrazzjoni tan-*nissujim* kienu jinqraw is-seba' barkiet li bihom ibierku lil Alla talli ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu u talli ta lill-bnedmin id-don li jnisslu. Fihom jintalab

il-ferħ għall-miżżewġin il-ġodda. Miż-Żminijiet tan-Nofs, fost il-Lhud tal-Ewropa tal-Lvant, iċ-ċerimonja tal-għerusija bdiet issir minnufih qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Hekk bdew jagħmlu wkoll il-Lhud ta' Spanja u tat-Tramuntana tal-Afrika. Illum, huma l-*Ħasidim* biss li għadhom jiċċelebraw iċ-ċerimonja tat-*tenajim*.



Hemm diversi tradizzjonijiet marbutin mal-festa tat-tieġ. Lejlet it-tieġ l-għarusa tinħasel fil-banju ritwali, *mikveh;* id-data tat-tieġ tkun magħżula b'tali mod li ma tinzertax fil-ġranet taċ-ċiklu tagħha jew il-ġimgħa ta' wara. F'xi komunitajiet tal-Lvant din kienet tkun ċelebrazzjoni pubblika. L-għarus kien ikun mistieden jaqra t-*Torah* fix-*Xabbat* ta' qabel jew ta' wara t-tieġ; kienu jixtħulu l-ħelu, bħala sinjal ta' awgurju, waqt il-qari tal-barkiet tat-*Torah.* Waqt iċ-ċerimonja tat-tieġ, li miż-Żmien tan-Nofs bdiet issir fil-bitħa tas-sinagoga, l-għarajjes kienu jimxu u joqogħdu taħt it-tinda taż-żwieġ, *ħuppah,* filwaqt li kienu jixtħulhom ir-ross u l-konfetti; hija ċerimonja li kienet ssir fil-ftuħ biex tfakkar fil-wegħda li Alla għamel lil Abraham: nislu kellu jkun kbir daqs il-kwiekeb tas-sema. Illum, din iċ-ċerimonja, ħafna jagħmluha f'sala tat-tiġijiet.

Fost l-Ortodossi t-tieġ isir bil-kitba taż-żwieġ: l-għarus jiffirma l-*ketubah* u jekk it-tieġ isir wara nofsinhar, isir fil-mument tat-talb u l-għarus, li jkun sajjem, ilissen l-istqarrija tal-*Jom Kippur;* jittieħed lejn l-għarusa u jgħattilha wiċċha b'velu; jimxu flimkien mal-ġenituri tagħhom lejn *il-ħuppah* u min jimxi magħhom jakkumpanjahom bix-xemgħat. Taħt it-tinda r-rabbi jgħid il-barka fuq l-inbid u l-barka magħrufa bħala *għerusin;* wara li l-għarajjes jixorbu mill-inbid, l-għarus, filwaqt li jdaħħal iċ-ċurkett fis-subgħa tal-għarusa, jistqarr: "Ara inti kkonsagrata lili b'dan iċ-ċurkett skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel." Jitlissnu s-seba' barkiet fuq it-tieni tazza tal-inbid u ċ-ċerimonja tagħlaq billi l-għarus jirfes fuq tazza u jkissirha. Imbagħad l-għarajjes jittieħdu f'kamra privata, għalihom waħedhom, *jiħud.* Wara l-ikla tat-tieġ tingħad it-Talba ta' Wara l-Ikel u jinqraw is-seba' barkiet għal darb'oħra.

Il-Kitba taż-Żwieġ ġeneralment tieħu din il-forma u tinqara waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ: "Fil-jum (fl-ewwel jum) tal-ġimgħa, il-jum... tax-xahar..., fis-sena ħamest elef, sitt mija u... mill-ħolqien tad-dinja, iż-żmien li fih

ngħoddu hawnhekk f'din il-belt (il-belt, stat u pajjiż), kif...(isem l-għarus), bin...(isem tal-missier), bil-kunjom..., qal lil din ix-xebba...(isem l-għarusa), bint...(isem il-missier), bil-kunjom...: 'Ħa tkun marti skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel, u jiena ngħożżok u nirrispettak, nweġġgħek u nżommok skont id-drawwa tal-irġiel Lhud li jgħożżu, jirrispettaw, iweġġgħu u jżommu lill-mara tagħhom skont il-verità. Hawnhekk jiena nagħmel il-ftehim tax-xebbiet, mitejn *żużim* tal-fidda, li huma tiegħek, skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel; u jiena nagħtik l-ikel, il-ħwejjeġ u dak kollu li huwa meħtieġ, u ngħix miegħek bħala raġel u mara skont id-drawwa universali.' U ...(isem l-għarusa) din ix-xebba tat il-kunsens tagħha u saret martu. Il-libsa tat-tieġ li ġiebet minn dar missierha, il-fidda, id-deheb, l-affarijiet ta' valur, ħwejjeġ, għamara tad-dar u lożor, dan kollu...(isem l-għarus), l-għarus imsemmi aċċetta bis-somma ta' mitt biċċa tal-fidda, u ...(isem l-għarus), aċċetta li jżid dan l-ammont mill-proprjetà tiegħu bis-somma ta' mitt biċċa tal-fidda. Hekk qal ...(isem l-għarus) l-għarus: 'Ir-responsabbiltà ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ, ta' din il-libsa tat-tieġ, u ta' din is-somma miżjuda, neħodha fuqi u l-werrieta tiegħi warajja, biex ikunu mħallsa mill-aħjar parti tas-sehem li għandi issa jew li għad irrid nikseb taħt is-sema. Il-proprjetà kollha tiegħi, dik vera u personali, anki l-mantell fuq spallejja, ikunu kapparra biex iħallsu dan il-kuntratt taż-żwieġ, il-libsa tat-tieġ, u dak kollu li żdied, f'ħajti u wara mewti, mil-lum u għal dejjem.' ...(isem l-għarus), l-għarus, refa' fuq spallejh il-piż ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ, tal-libsa tat-tieġ u dak kollu li kien miżjud, skont l-użu restrittiv tal-kuntratti kollha taż-żwieġ u ż-żidiet magħmula għall-ulied bniet ta' Israel, u skont kif riedu l-għorrief tagħna, li huma ta' tifkira hienja. Dan ma għandux jitqies bħala ftehim bla ħsieb u lanqas bħla formula ta' dokument. Segwejna l-formalità legali tal-ftehim bejn ...(isem l-għarus), bin..., l-għarus, u ...(isem l-għarusa), bint ..., din ix-xebba, u għal dan l-iskop ilbisna lbies li huwa legalment xieraq, u biex insaħħu dan kollu li stqarrejna."

Fost l-Ortodossi jitħarsu l-liġijiet tal-indafa ritwali, *niddah*. Ir-relazzjonijiet sesswali bejn il-miżżewġin isiru meta l-mara tkun nadifa ritwalment. Waqt iċ-ċiklu tagħha, u anki ġimgħa wara, il-mara ma tistax tersaq lejn żewġha. Wara dal-jiem hija tmur il-banju ritwali u tinħasel kompletament u tista' terġa' tibda jkollha x'taqsam ma' żewġha.

L-impedimenti għaż-żwieġ fil-Ġudajiżmu huma jew ta' natura temporanja jew permanenti. Xi żwiġijiet huma pprojbiti b'mod temporanju, ngħidu aħna: armla jew mara ddivorzjata ma jistgħux jiżżewġu qabel ma jgħaddu disgħin jum mill-mewt tar-raġel jew mill-kitba, *get*, tad-divorzju; persuna ma tistax tiżżewweġ fit-tletin jum tal-luttu; armel irid jistenna li jgħaddu tliet festi qabel ma jerġa' jiżżewweġ, sakemm ma jkollux tfal jew għandu tfal żgħar li jeħtieġu l-kura ta' omm; wieħed ma jistax jiżżewweġ mara tqila, jew mara li qed tredda', sakemm ma jgħaddux 24 xahar; mara ma tistax tiżżewweġ għat-tielet darba jekk iż-żewġt irġiel li kellha mietu b'xi inċident; mara miżżewġa ma tistax terġa' tiżżewweġ raġel ieħor sakemm ma ġġibx il-kitba tad-divorzju.

L-impedimenti permanenti għaż-żwieġ huma indikati fl-Iskritturi Lhud, fil-kapitli 18 u 29 tal-Ktieb tal-Levitiku. Hemm il-projbizzjoni li jsir iż-żwieġ mal-qraba, komuni għall-maġġoranza tas-soċjetajiet; raġel ma jistax jiżżewweġ l-ewwel mara tiegħu li tkun reġgħet iżżewġet u ddivorzjat jew saret armla; mara li tkun għamlet l-adulterju hija pprojbita kemm lil żewġha u kemm lir-raġel li jkun għamel l-adulterju magħha. Jekk hija mara li kienet stuprata ma tistax tiżżewweġ

qassis, *Koħen;* mara ma tistax tiżżewweġ ir-raġel li jkun irrappreżentaha fil-każ tad-divorzju tagħha jew kien xhud tal-mewt ta' żewġha; qassis ma jistax jiżżewweġ armla, mara ddivorzjata jew prostituta; bin jew bint relazzjoni illeġittima jew ta' inċest, *mamżer*, irid biss jiżżewweġ ma' *mamżer* jew persuna kkonvertita għall-Ġudajiżmu; fit-teorija ż-żwiġijiet imħallta huma pprojbiti.

## Divorzju

L-Iskritturi Lhud jitkellmu wkoll fuq il-proċeduri tad-divorzju: "Jekk raġel jieħu mara u jiżżewwiġha, u mbagħad ma tkunx togħġbu għax ikun sab fiha xi ħaġa mhix xierqa, jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha, u jibgħatha 'l barra minn daru" (Dewt 24: 1). Mela huwa r-raġel li għandu s-setgħa jiddivorzja u dan jagħmlu b'att legali miktub. Ir-Rabbini ddiskutew fit-tul ir-raġunijiet li għalihom raġel seta' jibgħat lil martu: l-Iskola ta' Xammaj interpretaw "il-ħaġa mhix xierqa" fl-isfera sesswali u l-Iskola ta' Ħillel interpretaw din il-kelma b'mod aktar wiesa'.

Id-divorzju ma kienx permess meta raġel kien jakkuża lil martu li ma kinitx verġni fil-mument taż-żwieġ u dan kien ikun ippruvat li mhux veru (ara: Dewt 22: 13-19), jew jekk stupra xebba li wara jkun ħadha b'martu (Dewt 22: 28-29). Diġà rajna kif raġel ma setax jerġa' jiżżewweġ mara li kien iddivorzja u li kienet reġgħet iżżewġet u saret armla jew iddivorzjata mill-ġdid (Dewt 24: 2-4); qassis ma setax jiżżewweġ mara ddivorzjata (Lev 21: 7).

Fiż-żmien Talmudiku l-leġislazzjoni dwar id-divorzju żviluppat: il-qorti setgħet iġġiegħel lir-raġel jibgħat lil martu jekk din ma tkunx nisslet għal għaxar snin, jekk ma jkunx jew ma setax imantniha, jekk kellu xi marda kerha jew anki jekk kien jirrifjutalha d-drittijiet konjugali tagħha.

Il-kitba tad-divorzju, *get*, kellha tinkiteb bl-Aramajk minn skriba skont formula mibnija fuq il-liġi fil-*Mixnah:* malli kienet tingħata lill-mara, kienet tittieħed mir-rabbi li kien jaqtagħha b'tali mod li ma setgħetx tintuża għat-tieni darba; b'serje ta' mistoqsijiet ir-rabbi jaċċerta ruħu li dan kollu jsir bil-libertà kollha tal-partijiet konċernati. F'dan il-mument, quddiem żewġ xhieda, ir-raġel jagħti lil martu l-*petor*, dokument li jikkonferma li hu ddivorzjat u seta' jerġa' jiżżewweġ. Il-mara setgħet tiżżewweġ wara disgħin jum biex ikun ċert li ma kinitx tqila mill-eks raġel tagħha.

Interessanti kif skont il-proċedura tradizzjonali jsir dak li hemm miktub fl-Iskritturi: "Jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha." Ir-rabbi jitlob lill-mara tneħħi l-ġojjelli minn idejha, biex b'idejn miftuħa tilqa' l-kitba tad-divorzju. L-iskriba jgħaddi l-*get* lir-rabbi, li jgħaddiha lir-raġel li jżommha b'idejh it-tnejn u jqegħedha fil-pali tal-idejn ta' martu, filwaqt li jistqarr: "Din hija l-*get* tiegħek li permezz tagħha inti ddivorzjata minn issa biex tkun tista' ssir il-mara ta' raġel ieħor." Il-mara tagħmel ftit passi bil-*get* f'idejha, terġa' tagħtiha lura lir-rabbi, li jaqraha fil-preżenza tax-xhieda, li jridu jidentifikaw il-*get* u l-firem, u jistqarr: "Isimgħu intom ilkoll li qegħdin hawn u ftakru li Rabbenu Tam ħadha kontra dawk kollha li jippruvaw jinvalidaw *get* wara li jingħata." Jekk il-partijiet konċernati ma jistgħux ikunu preżenti, jistgħu jibagħtu lil xi ħadd flokhom.

Matul l-istorja saru diversi tibdiliet fil-leġislazzjoni tad-divorzju fost il-Lhud. Forsi l-aktar waħda importanti hija l-bidla li ried Rabbi Gerxom fiż-Żminijiet tan-Nofs fejn ried li d-divorzju jrid ikompli jingħata mir-raġel imma bil-kunsens tal-mara. B'hekk id-drittijiet tal-mara saru kważi l-istess bħal dawk tar-raġel. Il-liġijiet li ġew wara saħħew din il-ħaġa, tant li divorzju mingħajr il-kunsens tal-

mara kien meqjus bħala null, ħlief fil-każ li l-mara taqa' fl-apostasija. Dan kien pass kbir 'il quddiem, anki jekk mhux dejjem solva l-każijiet tal-*agunot*, jiġifieri tan-nisa, li għal diversi raġunijiet, ma jingħatawx id-divorżju mill-irġiel tagħhom u li legalment ma jistgħux jerġgħu jiżżewġu. Id-diversi Movimenti fil-Ġudajiżmu ppruvaw isolvu dawn il-każijiet billi taw aktar awtorità fil-materja lill-awtoritajiet Rabbiniċi. Ir-Riformaturi għażlu li jikkonvalidaw id-divorzju ċivili.

Il-kitba tad-divorzju ġeneralment timxi fuq dan il-kliem: "Fil-...jum tal-ġimgħa, il-jum... tax-xahar ta'..., fis-sena... mill-ħolqien tad-dinja skont il-kalendarju li jintuża hawnhekk, fil-belt ta'..., li hija mwaqqfa max-xmara..., u qrib l-għejun tal-ilma, jien..., bin..., li llum qiegħed f'din il-belt..., li hija mwaqqfa max-xmara..., u qrib l-għejun tal-ilma, nagħti l-kunsens ħieles tiegħi, mingħajr ħadd ma jġagħalni, li nħalli ħielsa, u nwarrab lilek, marti..., bint..., li llum iqegħed fil-belt ta'..., qrib l-għejun tal-ilma, li kont marti minn qabel. Għalhekk neħilsek, inwarrbek, biex ikollok il-permess u l-awtorità fuqek innifsek biex tmur tiżżewweġ lil kwalunkwe raġel li tixtieq. Ħadd ma jista' jżommok mil-lum 'il quddiem, u tista' tkun ta' kwalunkwe raġel. Din hija għalik il-kitba tad-divorzju, ittra u dokument ta' ħelsien, skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel."

## Mewt u Luttu

"Bl-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok, sakemm terġa' lura lejn l-art għax minnha int meħud" (Ġen 3: 19): hekk tistqarr l-Iskrittura Lhudija, li tindika li d-dfin ġeneralment kien isir fil-qabar tal-familja (ara: Ġen 47: 29-30 li turi x-xewqa ta' Ġużeppi li jindifen ma' missirijietu; Ġen 49: 29-31 li turi l-istess xewqa ta' Ġakobb). Il-kotba bikrin tal-Iskritturi Lhud jixhdu t-twemmin fix-*Xeol*, il-post fejn kienu jinżlu l-mejtin; huma biss l-aħħar kotba tal-Iskritturi li jixhdu fit-twemmin bikri fil-qawmien minn bejn l-imwiet: "U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab tal-art jistenbħu, min għall-ħajja ta' dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija ta' dejjem" (Dan 12: 2).

Tradizzjonalment fil-Ġudajiżmu, wara li jsir kollox biex il-moribond ikun indukrat, il-bniedem jitqies mejjet malli ma jiħux aktar nifs. Il-mewt imbagħad tintlaqa' minn idejn Alla u



l-moribond ikun mistieden jitlob: "Ħajti u mewti huma f'idejk Alla, Alla tiegħi u ta' missirijieti. Ħa tkun ir-rieda tiegħek li tfejjaqni bis-sħiħ. U jekk immut, ħa tkun mewti tpattija għal dnubieti, għan-nuqqasijiet u d-dgħufija tiegħi quddiemek. Ħa nitqiegħed fis-sehem tiegħi fil-Ġnien tal-Għeden, ħallini nkun dehen tad-dinja mwiegħda lill-ġusti. Isma', o Israel, il-Mulej hu Alla tagħna, il-Mulej huwa wieħed."

Fil-mewt ta' xi qarib, in-nies tal-familja huma mistiedna jgħidu t-talba *Tzidduk ħa-Din*, "Ikun imbierek l-Imħallef ġust." It-tħejjija ta' ġisem il-mejjet għad-dfin hija meqjusa bħala opra ta' karità, *ħesed xel emet:* jiġu magħluqa l-għajnejn u l-ħalq, il-ġisem jitqiegħed fuq il-qiegħa tal-art u jitgħatta b'liżar, b'xemgħa tixgħel ħdejn ir-ras. Il-mirja fid-dar tal-mejjet jitgħattew u bħala opra tajba, *mitzvah*, wieħed jista' joqgħod mal-mejjet u jitlob bis-salmi.

Ġeneralment, għall-anqas fost il-Lhud Ortodossi, id-dfin isir malajr kemm jista' jkun, basta mhux nhar ta' Sibt u fil-*Jom Kippur*, u fl-ewwel u l-aħħar jiem tal-Festi tal-Pellegrinaġġ. Il-ġisem jitħejja billi il-membri tas-soċjetajiet tad-dfin jaħsluh u jorbtuh f'liżar. L-irġiel jindifnu bit-*tallit* tagħhom. Waqt il-purċissjoni funebri r-rabbi jitlob u jkanta b'versi meħuda mill-Iskritturi; qabel id-dfin, li għalih jagħtu daqqa t'id l-irġiel preżenti, isiru kelmtejn tal-okkażjoni. Tingħad ukoll it-talba tal-*Kaddix* u kulħadd jaħsel idejh qabel ma jitilqu ċ-ċimiterju.

Hemm luttu partikulari għal kull min tilef ġenitur, jew wild jew wieħed mill-aħwa: mill-mewt tal-persuna sad-difna dawn mhumiex obbligati għall-kmandamenti pożittivi, ngħidu aħna li jitolbu, jilbsu t-*tefillin,* jgħidu t-talba wara l-ikel; kull min ikun f'luttu ma jistax jieħu sehem fl-ikliet tal-festi jew jieħu sehem f'attivitajiet ta' divertiment; irid iqatta' biċċa minn ħwejġu, qabel jew wara d-dfin. Wara d-dfin jirritornaw id-dar tal-mejjet/mejta fejn jieklu ikla magħmula minn ħobż u bajd iebes imħejjija minn ħaddieħor. Iż-żmien tal-luttu, *xivah*, "sebgħa", itul għal sebat ijiem li fihom min jagħmel il-luttu ma jistax iqaxxar il-leħja, jinħasel, imur ix-xogħol, jistudja t-*Torah,* ikollu relazzjonijiet sesswali, jilbes żraben tal-ġild, isellem lill-oħrajn, jaqta' xagħru jew jilbes ħwejjeġ nodfa. Ix-*xivah* jieqaf jekk jaslu l-festi ta' *Rox Ħaxanah, Jom Kippur, Sukkot, Pesah* jew *Xavuot.* Huwa pprojbit li jagħmlu luttu pubbliku nhar ta' Sibt. Ix-*Xivah* jintemm filgħodu, fis-seba' jum; it-tletin jum ta' wara, *xeloxin*, "tletin", ikunu wkoll jiem ta' luttu ħafif: ikun ipprojbit li wieħed iqaxxar, jaqta' xagħru u jilbes ħwejjeġ ġodda. Il-luttu għall-ġenituri idum sena sħiħa. Kull min ikun fil-luttu huwa msejjaħ jitlob il-*kaddix* kuljum, fil-ġranet kollha tal-luttu. Hija tradizzjoni li l-anniversarji tal-imwiet tal-qraba jitfakkru bit-talba tal-*Kaddix*, l-istudju tat-*Torah,* bil-kant tal-*Ħaftarah*, u billi jinxtegħlu x-xemgħat.

Għal min huwa interessat fl-istorja tal-Ġudajiżmu u dak kontemporanju jista' jaqra l-ktieb tal-awtur *Dan huwa l-Ġudajimu* ippubblikat miċ-CAK fl-2013. Li tiegħu dan l-artiklu huwa kapitlu.



# L-EWWEL TRAĊĊI TA' MINISTERI EKKLEŻJALI FL-ATTI TAL-APPOSTLI

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli li fi tradizzjoni antika hu attribwit lil San Luqa,[1] jagħtina informazzjoni storika-teoloġika dwar il-komunità nisranija ta' Ġerusalemm u dik f'Antijokja tas-Sirja. Din l-informazzjoni dwar dawn il-komunitajiet insara tal-bidu, titfa' dawl dwar

strutturi u allura ministeri ekkleżjali li żviluppaw bħala tweġiba għall-ħtiġijiet partikulari li bdew iqumu f'waqtiet storiċi differenti f'dawn l-istess knejjes differenti. Nistgħu ngħidu li l-ebda struttura msemmija hawnhekk ma tista' tiġi kkunsidrata normattiva u eskluża għall-oħrajn. Huwa minnu wkoll li minn dawn l-eżempji nistgħu nisiltu xi linji ġenerali, imma dawn ma jiffurmawx mudell lest għall-Knisja llum. Dan mhux biss minħabba li ma nistgħux inkunu ċerti kif dawn il-ministeri kienu jiffunzjonaw, imma wkoll għax ma nafux x'hemm f'dan il-mod kif kienu jiffunzjonaw li jista' jitqies normattiv għall-Knisja. F'dan l-artiklu se nisiltu xi siltiet mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli li jistgħu jgħinuna napprezzaw aktar kif il-Knisja tal-Bidu bdiet tifforma ruħha fir-rigward ta' dak li aktar 'il quddiem kellu jkompli jiżviluppa bħala ministeri ekkleżjali strutturali u ġerarkiċi. Bl-ebda mod, iżda dawn il-ftit ħsibijiet ma nistgħu nqisuhom bħala studju komprensiv ta' dan is-suġġett wiesa' u delikat li għadu qed jiġi studjat.[2]



## SOLUZZJONIJIET QUDDIEM L-EWWEL PROBLEMI FIL-KNISJA TAL-BIDU

It-titlu tat-tieni volum fil-kitba ta' San Luqa, *Atti tal-Appostli,* huwa wieħed sfortunat hekk kif dan il-ktieb ftit li xejn jitkellem dwar l-atti tal-'Appostli'. Pjuttost, l-ewwel nofs ta' dan il-ktieb jirrakkonta t-twelid tal-ewwel knejjes: dik ta' Ġerusalemm u dawk fid-Diaspora bir-rwol sinifikattiv li jingħata lill-figura ta' Pietru. It-tieni nofs tal-Ktieb tal-Atti tal-Appostli mbagħad, hu kważi kollu kemm hu ddedikat għan-narrativa tal-vjaġġi ta' San Pawl.[3]

Fl-ewwel nofs tal-imsemmi ktieb naqraw dwar id-diversi konflitti li l-Knisja tal-Bidu kellha tgħaddi minnhom. Wara s-suċċess tal-predikazzjoni tal-Appostli, il-Knisja tal-Bidu li kompliet ixxandar b'konvinzjoni qawwija s-salvazzjoni fi Kristu Ġesù Rxuxtat, tibda tesperimenta li ma kellhiex soluzzjonijiet ta' kif se taddatta ruħha meta bdew jitfaċċaw l-ewwel problemi ta' organizazzjoni, bħal ngħidu aħna, l-aċċettazzjoni tal-pagani fil-Knisja, il-qasma minn mal-Lhud, il-fanatiżmu tal-Fariżej ikkonvertiti, l-impożizzjoni taċ-ċirkonċiżjoni u regoli oħra tal-liġi Lhudija fuq l-ikel, biex insemmu xi

wħud.[4] Kien hemm ukoll id-dilemma dwar jekk għandux jew le jinżamm in-numru "Tnax" fost l-Appostli minħabba t-tifsira eskatoloġika tiegħu u l-kriterju magħżul biex jimtela l-post ta' Ġuda: "Jeħtieġ għalhekk li jingħażel wieħed minn dawk li ssieħbu magħna tul iż-żmien kollu li l-Mulej Ġesù kien dieħel u ħiereġ magħna, ibda mill-magħmudija ta' Ġwanni sa dakinhar li kien meħud minn magħna, u jkun flimkien magħna xhud tal-qawmien tiegħu mill-imwiet" (Atti 1:21-22).[5]

Il-Knisja tal-Bidu ma kellha l-ebda tweġiba programmatika għal xi waħda minn dawn il-problemi jew oħrajn li jixbhuhom kif jiġu ppreżentati fl-Atti tal-Appostli. Pjuttost biex jissolvew dawn il-problemi, il-Knisja tal-Bidu kellha tibbaża fuq il-fedeltà tagħha lejn Kristu Ġesù u l-kreattività tal-Ispirtu, filwaqt li tuża wkoll il-kariżma ta' xi membri tagħha.[6] San Luqa jurina fl-Atti tal-Appostli kif f'din il-ħidma kreattiva bħala twegiba għall-isfida tal-istorja, il-Knisja tal-Bidu kellha taffaċja l-komplikazzjonijiet u l-inkwiet li nqala' minħabba r-reżistenzi ta' xi gruppi fi ħdanha.



Din ir-reżistenza żieded aktar id-diffikultajiet fil-mixja tal-Knisja tal-Bidu. Minkejja iżda li dan il-ġlied beda jsir aktar qawwi,[7] il-knejjes Ellenisti-Lhud u l-Lhud Palestinjani kienu tgħallmu kif jevitaw qtugħ totali minn ma' xulxin. Dan hu l-mod kif il-Knisja tal-Bidu rnexxielha timxi 'l quddiem filwaqt allura li tibqa' tgħallimna li f'din l-istorja umana ma jistax ikun hemm progress b'mod ieħor.

Fortunatament, fil-Knisja tal-Bidu kien hemm Pietru, figura u medjatur qawwi. Fl-istess ħin, nistgħu nimmaġinaw li għal xi wħud f'din il-Knisja, ma kienx faċli li jaċċettaw lil Pawlu ta' Tarsu li ftit qabel kien il-persekutur tal-istess Knisja. Kien Pawlu, iżda li kellu jħejji t-triq biex il-missjoni nisranija kollha taqbad il-mixja tagħha 'l quddiem. F'dan kollu, l-Atti tal-Appostli jagħmel sforz titaniku sabiex jagħtina stampa pożittiva ta' Pawlu, filwaqt li jipprova jippreżentalna stampa "irenika" jew ta' paċi fir-rigward ta' Pawlu

u l-Knejjes tiegħu ma' dik ta' Ġerusalemm, xi ħaġa li mhux dejjem faċli nirrikonċiljaw ma' dak li jgħid Pawlu stess fl-Ittri tiegħu.[8] Pawlu għamel l-impossibbli sabiex ma jinqatax minn mat-Tnax minħabba li kif jistqar hu stess: "biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn" (Gal 2:2). Minkejja dan, il-konflitti li sab ruħhu fihom fil-ħidma bla taqta' tiegħu għall-Evanġelju, żgur li ma kienx dak li xi ħadd jistenna. Imma hekk jiġri meta l-Mulej jafda missjoni lil xi ħadd. Hekk kien qal il-Mulej Alla lil Ħaninija immedjatament wara s-sejħa ta' Pawlu fit-triq ta' Damasku: "Jien stess għad nurih kemm irid ibati minħabba f'ismi" (Atti 9:16).[9]

## IT-TQEGĦID TAL-IDEJN

Fl-Atti 22:16 naqraw b'mod espliċitu li Pawlu "tgħammed", imma mhux li kien ġie inkorporat fix-xirka tat-Tnax-il Appostlu b'xi forma speċjali bħalma seħħ fil-każ ta' Mattija li kien ħa post Ġuda l-Iskarjota. Minkejja li f'Atti 13:3 naqraw kif fil-Knisja ta' Antijokja xi dixxipli kienu "qiegħdu jdejhom fuqhom (fuq Pawlu u Barnaba)", dan il-ġest jirreferi biss "għax-xogħol li għalih" kien sejħilhom l-Ispirtu s-Santu (v.2) u mhux biex ikunu "Appostli" bħat-Tnax.[10]

Il-ġest tat-tqiegħed tal-idejn imsemmi hawnhekk fl-Atti tal-Appostli, huwa ġest u rit li jeħodna lura fil-paġni tat-Testment il-Qadim.[11] Imma issa fl-Atti tal-Appostli, dan il-ġest jieħu tifsira ġdida marbuta mal-għoti tal-Ispirtu, fatt fundamentali għall-Knisja tal-Bidu. Minkejja dan, nistgħu ngħidu li f'dan l-istadju fil-ħajja tal-Knisja tal-Bidu, it-tifsira tar-rabta bejn it-tqiegħed tal-idejn u l-Ispirtu għadha waħda wiesgħa ħafna. Fl-Atti tal-Appostli, fil-fatt, naqraw kif dan l-istess rit tat-tqegħid tal-idejn jiġi muri biss bħala ġest ta' "akkumpanjament" li jiddistingwi l-magħmudija ta' Ġwanni minn dik ta' Ġesù.[12]

Mhuwiex ċar lanqas f'dawn l-ewwel referenzi għat-tqegħid tal-idejn fl-Atti tal-Appostli, jekk dan il-ġest huwiex biss *komunikazzjoni* tal-Ispirtu, bħalma ħafna drabi hu ssuġġerit, pereżempju fl-Atti 6:6 jew



inkella huwiex għarfien tad-don tal-Ispirtu li diġà kien ikkomunikat. Aktar tard, fil-fatt, il-Knisja kien għad irid jeħtiġilha tiddistingwi bejn it-tqeghid tal-idejn fis-sens tat-trasmissjoni tal-awtorità, jew inkella t-twaqqif sempliċi ta' uffiċċju. It-Testment il-Ġdid iżomm iż-żewġ tifsiriet; forsi kien aktar tard, bil-bżonn li jissemmew l-ismijiet tas-suċċessuri tal-Appostli, li l-ġest tat-tqegħid tal-idejn wassal għall-verżjoni tardiva tal-ordinazzjoni bħala "għejun" tal-qawwa.

## L-APPOSTLI

L-għażla tal-appostli li jissemmew b'mod prominenti fl-Evanġelji Sinottiċi, imma mhux fl-Evanġelju skont San Ġwann,[13] turina l-karattru ekkleżjali tal-ministeru fil-Knisja. Il-Knisja għandha bżonn persuni għall-missjoni tal-komunità u persuni biex igħinu l-ħajja ta' din il-komunità. L-istess isem "Appostli" – kelma li ġejja mill-Grieg u li tfisser "mibgħutin" - turina kif il-Knisja hija komunità mibgħuta u mhux biex tingħalaq fiha nnifisha. F'din il-komunità iżda hemm grupp ta' persuni li huma responsibbli għal din il-missjoni u li jistgħu jiddixxernu u jiċċaraw il-ħajja u l-attività tal-komunità skont il-ħtiġijiet ta' din il-missjoni. Din tista' tkun it-tifsira tal-istituzzjoni tal-Appostolat li l-Knisja rċeviet mingħand Ġesù nnifsu.[14]

Fl-istess ħin, l-Evanġelju jurina wkoll kif Ġesù ħalla lill-Knisja libera biżżejjed sabiex tifforma lilha nfisha bl-aqwa mod u sabiex twieġeb għall-isfidi differenti fil-missjoni tagħha, il-mandat veru tal-Mulej.[15] L-Atti tal-Appostli jiddeskrivi lill-Appostli bħala dawk li "kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù" (Atti 4:33). Meta tfaċċat l-ewwel problema fil-komunità nisranija tal-bidu, l-Appostli jew "it-Tnax" kienu dawk li "sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli" (Atti 6:2), għalkemm hija l-komunità kollha flimkien li approvat dak li pproponew l-appostli kif inkomplu naqraw fil-vers 5 ta' din is-silta: "Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha."

Sa dan il-waqt, nistgħu naraw fl-Atti tal-Appostli, mela, l-interazzjoni bejn l-Appostli u l-ġemgħa li temmen, bi rwoli ċari u loġiċi ta' responsabilità fuq in-naħa tal-Appostli. F'dan is-sens, f'din l-ewwel fażi fil-ħajja tal-Knisja tal-Bidu, San Luqa jippreżentalna tip ta' tmexxija fil-Knisja li kienet tagħmel tfittxija jew dixxerniment. Forsi minħabba f'hekk ukoll, li f'dawn il-paġni tal-Atti tal-Appostli naraw li dejjem deher il-bżonn tal-approvazzjoni tal-ġemgħa kollha mal-Appostli.

Filwaqt li ngħidu dan, irridu nfakkru wkoll f'xi eżempji li jinkludu wkoll l-Atti tal-Appostli meta l-awtorità ta' xi wħud mill-Appostli titqiegħed f'mistoqsija. Hekk, pereżempju, wara l-ewwel esperjenza missjunarja fost il-pagani, naqraw kif xi wħud mill-komunità bdew jeħduha kontra Pietru u jakkużawh: "Int dħalt għand in-nies li m'għandhomx iċ-ċirkonċiżjoni u kilt magħhom" (Atti 11:3).[16]

Fid-dawl tal-importanza tal-Appostli fl-Atti tal-Appostli rridu ninnutaw ukoll kif meta f'Antijokja kien ġie deċiż li ssir ġabra għall-aħwa f'Ġerusalemm, il-flus li kienu nġabru bagħtuhom "għand il-presbiteri" (Atti 11:30) u mhux għand l-Appostli kif forsi konna nistennew li se naqraw, anke jekk dawn forsi setgħu kienu inklużi fit-tifsira tal-kelma "presiberi" hawnhekk. Jista' jkun iżda, li f'dan it-test tal-Atti, l-Appostli forsi setgħu tħallew barra minħabba li dan il-każ kien biss miżura amministrattiva li ma tikkorrispondix ma' dak li naqraw fil-kapitlu 6 tal-Atti li jitkellem dwar "id-dritt" tal-appostli li jieħdu deċiżjonijiet f'waqtiet ta' kriżi ġdida fil-Knisja tal-Bidu.

Il-fatt hu, li minn issa 'l quddiem fl-Atti, meta ssir referenza għall-"mexxejja" tal-Knisja tal-Bidu, l-awtur tal-Atti ta' dan il-ktieb

Kanoniku, jitkellem mill-"Appostli u l-Presbiteri." Hekk naqraw, pereżempju f'Atti 15:2 meta l-fazzjoni li ħaditha kontra Pawlu u Barnaba fuq il-kwestjoni taċ-ċirkonċiżjoni "qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minnhom jitilgħu Ġerusalemm ikellmu *lill-appostli u l-presbiteri* fuq din il-kwestjoni." Hekk ukoll f'16:4 naqraw kif Pawlu u Timotju waqt li kienu "għaddejin mill-ibliet, bdew jgħarrfuhom bid-digrieti tal-*appostli u l-presbiteri* ta' Ġerusalemm." Din it-terminoloġija ta' "l-appostli u presbieri" issa tidher bħala waħda kostanti fl-Atti tal-Appostli kull fejn il-Knisja ta' Ġerusalemm kellha tieħu xi deċiżjoni.

## DIVERSITÀ FIL-MUDELLI

Fl-Atti tal-Appostli naqraw kif fil-Knisja tal-Bidu sseħħ separazzjoni paċifika f'Ġerusalemm, mingħajr iżda ma tinkiser il-komunjoni jew il-kuntatt bejn l-ewlenin Insara Palestinjani u l-Insara Lhud li kienu jitkellmu bil-Gireg. Aktar tard għal raġunijiet esterjuri, bħal-persekuzzjoni kontra l-Lhud-Ellenisti, din is-separazzjoni tinbidel fit-twaqqif ta' komunità ekkleżjali oħra f'Antijojka tas-Sirja. Minn dak li naqraw fl-Atti jidher li din il-komunità l-ġdida kienet aktar ħajja u kreattiva minn dik ta' Ġerusulaemm. Mhux biss, imma l-awtur



tal-Atti jinfurmana li "kien f'Antijokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'" (Atti 11:26).

Minn dak li nkomplu naqraw fl-Atti tal-Appostli, insiru nafu wkoll li din il-komunità baqgħet iżomm

komunikazzjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm, minkejja mhux biss iċ-ċirkustanzi ta' konflitt li fihom sabu ruħhom, imma wkoll għall-fatt li l-Knisja ta' Ġerusalemm tidher li mxiet lejn pożizzjoni aktar konservattiva. Fid-dawl ta' dan, ninnutaw ukoll kif Pawlu li ma ħassux aktar komdu fil-Knisja ta' Ġerusalemm, mar f'din il-Knisja ta' Antijokja, u minn hemm kien ġie mibgħut fuq vjaġġ missjunarju differenti.

Ladarba l-komunità l-ġdida ta' dixxipli f'Antijokja kienet twaqqfet, faċilment nieħdu l-impressjoni li din setgħet kienet strutturata b'mod differenti minn dik ta' Ġersualemm, hekk li waħda kienet aktar kariżmatika filwaqt li l-oħra aktar missjunarja. Il-fatt iżda hu li l-istruttura ta' din il-komunità ġdida ma jidhirx li ħolqot problema għall-"profeti" li xi drabi kienu jinżlu Antijokja minn Ġerusalemm.[17]

L-ewwel referenza għall-istruttura tal-komunità nisranija f'Antijokja nsibuha f'Atti 13:1 fejn naqraw hekk: "Fil-Knisja ta' Antijokja kien hemm xi profeti u għalliema." Hawnhekk naqraw saħansitra l-ismijiet ta' dawn "il-profeti u għalliema"- "Barnaba, Xmun li jgħidulu Niger, Luċju minn Ċereni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka, u Sawl." (Atti 13:1).

Mill-informazzjoni li nsibu fl-Atti 11:27 u 15:33 nistgħu ngħidu li dawn il-"profeti" kienu wkoll fil-komunità ta' Ġerusalemm, anke jekk l-awtur tal-Atti qatt ma jsemmihom b'mod espliċitu meta jitkellem dwar il-ħajja interna ta' din il-komunità, imma biss meta jagħmel referenza tar-relazzjoni tagħha mal-komunità ta' Antijokja. M'ghandniex definizzjoni tal-kontenut tal-ministeru "profeti" li jissemma f'dawn it-testi fl-Atti tal-Appostli.[18] Minkejja dan, permezz ta' dak li naqraw f'Atti 15:33 insiru nafu li dawn kienu ġew mibgħuta minn Ġerusalemm f'Antijokja sabiex jikkomunikaw id-deċiżjonijit tal-ewwel *Kunsill* "kienu wkoll profeti, farrġu lill-aħwa u wettquhom b'ħafna kliem" (v.32). F'kelma oħra, dawn "il-profeti" kienu persuni b'kariżma u bid-don tal-Kelma. Wisq probabbli li f'Antijokja, dawn kienu qed jirrappreżentaw lill-Appostli li baqgħu Ġerusalemm.

It-tieni referenza għall-ministeri tal-Knisja f'Antijokja hija li minn fost dawn "il-profeti u għalliema" jidher li ħargu l-ewwel missjunarji itineranti. Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jikkonferma dan b'mod espliċitu fir-rigward ta' Pawlu u Barnaba fejn naqraw: "Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom.' Imbagħad wara li samu u talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom u bagħtuhom" (Atti 13:2-3). L-Atti jsejjaħ lil dawn il-missjunarji "appostli," tal-inqas meta jirreferi għall-ħidma evanġelika tagħhom. Hekk naqraw f'Atti 14:4: "Imma n-nies tal-belt inqasmu; xi wħud kienu jżommu mal-Lhud u oħrajn ma' *l-appostli.*" Hekk ukoll naqraw fil-vers 14: "Malli semgħu b'dan, *l-appostli* Barnaba u Pawlu ċarrtu lbieshom ..." F'dawn it-testi iżda l-kelma "appostli" użata għal xi membri tal-komunità ta' Antijokja tieħu tifsira differenti minn dik li kienet tintuża għall-komunità ta' Ġerusalemm. Din l-ambigwità tilgħab rwol importanti fid-definizzjoni tan-nozzjoni tal-apostoliċità formali kif insibuha fl-Luqa-Atti.

It-tielet referenza li nsibu hija li dawn il-missjunarji wara li "xandru l-Evanġelju f'dik il-belt u għamlu ħafna dixxipli" (Atti 14:21), meta ġew biex jitilqu "Għamlulhom ukoll *presbiteri* f'kull Knisja, u bit-talb u s-sawm ħallewhom f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu" (Atti 14:23). Traċċa oħra ta' din l-istess informazzjoni nsibuha mill-ġdid meta Pawlu ried jasal f'Ġerusalemm malajr u allura "kien qatagħha li jgħaddi 'l barra

minn Efesu" (Atti 20:16). Immedjatament wara dan id-dettal naqraw, kif "minn Miletu Palwu bagħat isejjaħ lill-*presbiteri* tal-Knisja ta' Efesu." (v.17). Fid-diskors drammatiku li jagħmel f'din l-okkażjoni, Pawlu jsejjaħ "lill-presbiteri" ta' Efesu *episkopous* li fit-Traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* ġiet tradotta bil-kelma "għassiesa" – "Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu *għamilkom għassiesa* tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess" (Atti 20:28). Dan forsi jindika li f'dan l-istadju tal-ħajja tal-Knisja tal-Bidu ma kienx għad hemm differenza bejn *il-presibteri* u l-*episkopous.*[19]

Fl-aħħar, insibu referenza li mhux bil-fors tikkontradixxi dik ta' qabilha imma tikkumplementaha. F'xi drabi, meta kellhom jittieħdu deċiżjonijiet differenti minn xi komunitajiet bħalma ġara f'Tessalonika u fil-Boroea, ma nsibux referenza għall-"presbiteri" jew għall-"profeti," imma biss għall-"Aħwa."[20] Dan huwa terminu wiesa' ħafna minn dak użat għall-komunità kollha.[21] Issa se jkunu *l-Aħwa* li se jieħdu deċiżjoni sabiex iġiegħlu lil Pawlu u lil Sila jitilqu lejn il-Berija kif naqraw f'Atti 17:10, jew lil Pawlu biex imur waħdu Ateni fi żmien ta' konflitt fil-predikazzjoni tagħhom kif naqraw ukoll f'Atti 17:14.

Dak li rridu ninnutaw hawn huwa, li mhumiex id-dixxipli affettwati li jieħdu din id-deċizjoni, f'dan il-każ, Pawlu jew Sila. Dan forsi minħabba li l-membri ta' dawn il-komunitajiet għarfu li kienu jafu l-affarijiet aħjar u ħassewhom responsabbli għall-ħajja ta' dawn l-appostli.

Il-ħajja ta' dawn iż-żewġ komunitajiet tiżviluppa għalhekk f'*komunjoni ta' diversità*. Lanqas ma nafu sa liema punt l-Appostli kienu nvoluti fl-espansjoni u t-tkabbir tal-Knisja f'Antijokja. Minflok, aktar jidher li l-fatti imponew lilhom infushom fuqhom. Min-naħa l-oħra, dejjem insibu f'Antijokja preokupazzjoni ċara għall-komunjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm u biex jinstab kunsens fir-rigward ta' aspetti differenti xi drabi anke żgħar, u ta' rispett. B'dan il-mod, nistgħu napprezzaw aktar meta San Luqa jinfurmana li hekk kif qam l-ewwel konflitt, l-insara f'Antijokja immedjatament iddeċidew li "jmorru Ġerusalemm" "biex jaraw "lill-Appostli u lill-presbieri" (Atti 15:2).[22]

## KONKLUŻJONI

Id-deċiżjonijiet meħudin mill-Knisja fl-Atti tal-Appostli kienu suġġeriti jew imposti mid-dixxerniment komunitajru possibbli ta' sitwazzjonijiet storiċi. L-unità fil-Knisja tal-Bidu għalhekk ma seħħitx permezz tal-uniformità fil-forom tal-ministeri u strutturi ekkleżjali, imma aktar b'referenza għal dak li Ġesù kien jirrappreżenta u bi preokupazzjoni lejn il-fqar, bħalma jidher fl-Atti 11:29-30 u f'dak li baqa' magħruf bħala "Testment ta' Pawlu" fi 20:35.

## Referenzi

1 Illum fl-istudji Bibliċi nitkellmu aktar minn Luqa-Atti bħala żewġ xogħlijiet tal-istess awtur. Ara R.C. Tannehill, The Narrative Unity of Luke-Acts: A Literary Interpretation, vol. 1: The Gospel according to Luke (Philadelphia: Fortress Press, 1986); vol II, The Acts of the Apostles (Minneapolis: Fortress Press, 1990).

2 Fost il-ħafna studji dwar il-ministeri tal-Knisja tal-Bidu ara, Andrew D. Clarke, Serve the Community of the Church: Christians as Leaders and Ministers (Grand Rapids/ MI: Eerdmans 2000); Daniel J. Harrington, The Church according to the New Testament: What the Wisdom and Witness of Early Christianity Teach us Today (Chicago: Sheed & Ward, 2001); Markus Bockmuehl and Michael B. Thomson eds., A Vision for the Church: Studies in Early Ecclesiology (Edinburgh: T&T Clark, 1997); Philip

Esler, Modelling Early Christianity, (London: Routledge, 1995); P.E. Bradshow, The Search for the Origins of Christian Worship (New York: SPCK, 22002); Raymond E. Brown, Priest and Bishop: Biblical Reflections (New York: Paulist Press, 1970); Raymond R. Noll, Christian Ministerial Priesthood: A Search for its Beginnings in the Primary Documents of the Apostolic Fathers (San Francisco: Catholic Scholars Press, 1993); Bruno Maggioni, Annunciava loro la Parola: Percorsi nel Nuovo Testamento (Milano: Vita e Pensiero, 2018), 159-179; Bruno Maggioni, La vita delle prime comunità cristiane (Roma: Borla, 1983).

3 Dwar dan il-punt ara l-istudju ta' Martin Hengel, Acts and the History of Earliest Christianity, trans. J. Bowden (Philadelphia: Fortress Press, 1980); François Bovon, Luke the Theologian: Thirty-three Years of Research (1950-1983), trans. K. McKinney. Princeton Theological Monograph Series 12 (Allison Park Penn.: Pickwick Publications, 1987).

4 Għal tagħrif ieħor fuq xi wħud minn dawn il-problemi ara, Stephen G. Wilson, The Gentiles and the Gentile Mission in Luke-Acts (Cambridge: Cambridge University Press, 1973), 171-195; Jacob Jervell, Luke and the People of God (Minneapolis: Augsburg Press, 1972), 185-207; Luke Timothy Johnson, Decision Making in the Church: A Biblical Model (Philadelphia: Fortress Press, 1983), 46-58, 67-87.

5 Fuq l-għażla ta' Mattija u l-importanza tan-numru Tnax fit-tradizzjoni tal-Appostli ara R.H. Fuller, "The Choice of Matthias," Studia Evangelica, ed. E.A. Livingstone (Berlin: Akademie Verlag, 1973), 6:140-146; Ph.-H. Menoud, "Additions to the Group of the Twelve Apostles according to the Books of Acts," in Jesus Christ and the Faith, trans. E.M. Paul (Pittsburgh: Pickwick Press, 1978), 133-148.

6 Dan hu l-mod kif fis-sustanza, skont il-maġġoranza tal-istudjużi tal-Atti, għandna nifhmu wkoll l-episodju tat-twaqqif tad-"Djakni" kif naqraw fil-kapitlu 6 tal-Atti. Huwa minnu li jekk nieqfu fuq l-ewwel tifsira tat-test fl-Atti, forsi nkunu sempliċiment qed ngħidu li l-Knisja tal-Bidu waqfet ministeri ġodda hekk kif bdew jinbtu sitwazzjonijiet ġodda jew għax kien hemm dan il-bżonn. It-test tal-Atti 6:1ff ma jitkellimx fuq "id-Djakni" ħlief għall-użu ġenerali tal-kelma "qadi" li hija marbuta mat-tqassim kuljum (Atti 6:2) u għall-predikazzjoni tal-Appostli (Atti 6:5).

7 Ara pereżempju, Atti 15:2 fejn naqraw li wara li kienu niżlu xi wħud mil-Lhudija u bdew jgħallmu lill-aħwa li kellhom joqogħdu għad-drawwa taċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa li kienet ġejja minn Mose, inkella ma jistgħux isalvaw, Pawlu u Barnaba kienu qamu kontra dawn "u ħaduha magħhom bis-sħiħ." Fil-vers 6 tal-istess Kapitlu, mbagħad naqraw kif "l-Appostli u l-presibiteri ltaqgħu flimkien biex jaraw din il-kwestjoni." Ara wkoll Atti 21:20-22.

8 Hemm ħafna studji fuq dan il-punt daqshekk importanti fl-istudji bibliċi. Ara pereżempju, Daniel R. Schwartz, "The End of the Line: Paul in the Canonical Book of Acts," Paul and the Legacies of Paul, ed. W.S. Babcock (Dallas: SMU Press, 1990), 3-24; William O. Walker, "Acts and the Pauline Corpus Reconsidered," JSNT 24 (1985): 3-23.

9 F'din il-missjoni tiegħu, naqraw kif l-Appostlu San Pawl kellu jħabbat wiċċu ma' qasma serja fil-knisja ta' Korintu, fejn xi wħud bdew iqisu lilhom infushom ta' Kefa, oħrajn ta' Pawlu filwaqt li oħrajn ta' Apollo. F'dan il-kuntest ta' konfrontazzjoni, San Pawl jippreżenta żewġ kriterji importanti. L-ewwel, il-ministri, bħalma kienu Pawlu, Apollo u Kefa huma biss persuni u "għalhekk ħadd ma għandu jiftaħar

bil-bnedmin" (1 Kor 3:21). It-tieni, minħabba f'hekk, il-ministri mhumiex aktar minn "għajnuna" li permezz tagħhom oħrajn waslu biex emmnu fi Kristu: "Min hu Apollo? Min hu Pawlu? Huma l-ministri li permezz tagħhom intom emmintu" (1 Kor 3:5). F'dan id-dawl, San Pawlu jissuġerixxi li l-qasmiet f'din il-komunità nisranija ma kellhomx jissolvew biex xi ħadd jipprova jara min jikkmanda l-aktar, imma pjuttost billi jagħrfu "lil Ġesù Kristu u 'l dan imsallab" (1 Kor 2:2).

10 Pawlu, iżda, kien iqis lilu nnifsu bħala Appostlu. Hekk tidher l-istqarrija qawwija tiegħu li biha jiftaħ l-Ittra tiegħu lill-Galatin meta jikteb: "Pawlu, appostlu, mhux mill-bnedmin jew permezz tal-bniedem, iżda permezz ta' Ġesù Kristu u ta' Alla l-Missier li qajmu mill-imwiet." (Gal 1:1).

11 Ara Dewt 34:9.

12 Ara Atti 8:17; 19:4-6; ara wkoll 28:8.

13 Fuq in-nuqqas ta' referenzi għall-Appostli fl-Evanġelju skont San Ġwann ara L. Schienke, "The Johannine Schism and the 'Twelve' (JOHN 6:60-71)," in Critical Readings of John 6, ed. R. Alan Culpepper (Leiden: Brill, 1997), 205-219.

14 Ara Schuyler Brown, The Origins of Christianity: A Historical Introduction to the New Testament (Oxford: Oxford University Press, 1984), 135.

15 Din il-missjoni li l-Mulej afda f'idejn l-appostli hija ppreżentata b'mod ċar fl-għeluq tal-Evanġelju skont San Mattew. Permezz ta' din ix-xena li tambjenta ruħha fuq muntanja, xena tipika ta' dan l-Evanġelista, naqraw dwar il-mandat ta' Kristu Rxoxt lill-Knisja: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28:18-20).

16 Fuq din il-kwestjoni ara J.J. Kilgallen, "Did Peter Actually Fail to Get a Word in? (Acts 11,15)," Biblica 71 (1990): 405-410.

17 Ara Atti 11:27.

18 Fuq l-użu u t-tifsira tat-titlu "profeti" fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli ara E.Earle Ellis, "The Role of the Christian Prophet in Acts," Apostolic History and the Gospel, eds. W.W. Ward and R.P. Martin (Exeter: Paternoster Press, 1970), 129-144.

19 Ara C.K. Barrett, "Paul's Address to the Ephesian Elders," in God's Christ and His People, eds. J. Jervell and W.A. Meeks (Oslo: Universitetsforlaget, 1977), 107-121; ara wkoll J. Lambrecht, "Paul's Farewell-Address at Miletus (Atc 20:17-38)," in Les Acts des Apôtres: traditions, rédaction, théologie, ed. J. Kremer (Gembloux: Leuven University Press, 1979), 307-337.

20 Fit-tieni parti tal-Atti, meta jitkellem fuq l-aħħar vjaġġi ta' Pawlu, l-espressjoni wżata hija "id-dixxipli" (eg 21:4.16). Forsi din il-kelma tintuża meta l-Insara ma kinux magħrufa, ghaliex meta jaslu Ġerusalemm mill-ġdid il-frażi li tintuza hija "aħwa" (21:17).

21 Ara pereżempju, Atti 9:30; 11:1,29.

22 Eku ta' dan insibuh f'Gal 1:17; 2:1-2.

Dan l-artiklu ġie ppublikat fl-aħħar ħarġa ta'din ir-rivista mingħajr referenzi.

Hawnhekk qegħdin nerġgħu nippublikawh komplut.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# Tiġdid L-Art Imqaddsa 2020




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € __________
bħal abbonament għall-2020



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Emmaws, l-aħħar Ewkaristija tal-Pellegrinaġġ*

*Ritratt:* Andrè Mangion